# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fid-19 ta' Diċembru 2019[1]

**Kawżi magħquda C-262/18 P u C-271/18 P**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**
**Dôvera zdravotná poisťovňa a.s. (C-262/18 P)**
**u**
**Ir-Repubblika Slovakka**
**vs**
**Dôvera zdravotná poisťovňa, a.s.,**

**Il-Kummissjoni Ewropea (C-271/18 P)**

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Korpi ta' assigurazzjoni għall-mard – Kunċett ta' 'impriża' – Evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti Ġenerali – Kunċett ta' 'attività ekonomika' – Skop ta' lukru ta' entitajiet oħra li joperaw fi ħdan is-sistema tas-sigurtà soċjali – Kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-offerta ta' servizzi ta' assigurazzjoni għall-mard"

Werrej


I. Il-fatti li wasslu għall-kawża ..... 3

II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata ..... 4

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet ..... 5

IV. L-appelli prinċipali ..... 7

A. Fuq l-ewwel aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P, ibbażat fuq ksur tal-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti Ġenerali ..... 7

1. L-argumenti tal-partijiet ..... 7

2. Evalwazzjoni ..... 7

3. Konklużjoni dwar l-ewwel aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P. ..... 11


1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

B. Fuq l-ewwel aggravju mqajjem mill-Kummissjoni fil-Kawża C-262/18 P u r-raba' aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P, ibbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ..... 12

1. L-argumenti tal-partijiet ..... 12

2. Evalwazzjoni ..... 12

3. Konklużjoni dwar l-ewwel aggravju fil-Kawża C-262/18 P u r-raba' aggravju fil-Kawża C-271/18 P ..... 17

C. Fuq it-tieni aggravju mqajjem mill-Kummissjoni fil-Kawża C-262/18 P u t-tielet aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P, ibbażati fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "impriża" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE ..... 17

1. L-argumenti tal-partijiet ..... 17

2. Evalwazzjoni ..... 18

a) Osservazzjonijiet preliminari ..... 18

b) Fuq ir-rilevanza tat-tfittxija ta' skop ta' lukru mill-entitajiet l-oħra li joperaw fi ħdan is-sistema ta' sigurtà soċjali għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala attività ekonomika ..... 19

c) Fuq l-eżistenza ta' grad ta' kompetizzjoni suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-klassifikazzjoni bħala ekonomika ..... 22

3. Konklużjoni dwar it-tieni aggravju fil-Kawża C-262/18 P u t-tielet aggravju fil-Kawża C-271/18 P ..... 26

D. Fuq it-tielet aggravju mqajjem mill-Kummissjoni fil-Kawża C-262/18 P u t-tieni aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P, ibbażati fuq l-iżnaturament ta' ċerti provi ..... 26

1. L-argumenti tal-partijiet ..... 26

2. Evalwazzjoni ..... 27

3. Konklużjoni dwar it-tielet aggravju tal-appell fil-Kawża C-262/18 P u t-tieni aggravju tal-appell fil-Kawża C-271/18 P ..... 28

V. L-appelli inċidentali ..... 28

A. L-argumenti tal-partijiet ..... 28

B. Evalwazzjoni ..... 29

C. Konklużjonijiet dwar l-appelli inċidentali fil-Kawżi C-262/18 P u C-271/18 P ..... 29

VI. Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ..... 29

VII. Fuq l-ispejjeż ..... 30

VIII. Konklużjoni ..... 30

1. Permezz ta' dawn l-appelli, il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika Slovakka jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Frar 2018, Dôvera zdravotná poisťovňa vs Il-Kummissjoni (T-216/15, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2018:64), li permezz tagħha din laqgħet ir-rikors ippreżentat minn Dôvera zdravotná poisťovňa a.s. (iktar 'il quddiem "Dôvera") intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 7277 final dwar numru ta' miżuri ta' appoġġ finanzjarju li dan l-Istat Membru kien implimenta favur Spoločná zdravotná poisťovňa a.s. (iktar 'il quddiem "SZP") u Všeobecná zdravotná poisťovňa a.s. (iktar 'il quddiem "VšZP") (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") [2].

2. Minkejja li din il-kawża taqa' fil-kuntest ta' ġurisprudenza rikka fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala "impriża", għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat, ta' entitajiet li joperaw f'sistema ta' sigurtà soċjali, hija tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-possibbiltà li tipprovdi kjarifiki partikolarment mixtieqa li jirrigwardaw b'mod partikolari l-effett fuq din il-klassifikazzjoni tal-presenza ta' operaturi oħra li għandhom skop ta' lukru fi ħdan din is-sistema. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tiddeċiedi għall-ewwel darba dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tal-kwistjoni dwar jekk entità għandhiex titqies bħala impriża.

## I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

3. Fl-1994, is-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard għaddiet minn sistema unitarja, b'kumpannija ta' assigurazzjoni għall-mard pubblika waħda, għal mudell imħallat, li fih korpi pubbliċi u privati jikkoeżistu. Fl-2005, riforma tas-sistema biddlet b'mod partikolari l-forma ġuridika tal-fornituri ta' assigurazzjoni kollha, minn entitajiet ġuridiċi *sui generis* għal kumpanniji b'responsabbiltà limitata. Fl-2007, leġiżlazzjoni imponiet fuq il-kumpanniji ta' assigurazzjoni, sa mill-1 ta' Jannar 2008, projbizzjoni assoluta li jiddistribwixxu l-profitti tagħhom f'dividendi. Wara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Slovakka li ddikjarat din il-projbizzjoni antikostituzzjonali, il-leġiżlazzjoni ġiet emendata f'Lulju 2011 b'tali mod li tippermetti lil dawn il-kumpanniji jiddistribwixxu l-profitti tagħhom taħt ċerti kundizzjonijiet.

4. Attwalment, ir-residenti Slovakki għandhom l-għażla bejn tliet korpi ta' assigurazzjoni għall-mard:

– il-kumpanniji ta' assigurazzjoni pubbliċi SZP u VšZP, li ġew amalgamati fl-1 ta' Jannar 2010;

– il-kumpannija ta' assigurazzjoni privata Dôvera u

– il-kumpannija ta' assigurazzjoni privata Union zdravotná poisťovňa a.s. (iktar 'il quddiem "Union").

5. Wara lment ta' Dôvera fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat allegatament mogħtija mir-Repubblika Slovakka lil SZP u VšZP, fit-2 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

6. Fil-15 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża li tikkonstata li l-miżuri inkwistjoni ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, għar-raġuni li l-attività ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja organizzata u eżerċitata fis-Slovakkja ma tistax tiġi kkunsidrata bħala attività ekonomika u li għalhekk, SZP u VšZP, bħala benefiċjarji ta' dawn il-miżuri, ma jistgħux jikklassifikaw bħala "impriżi" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2 Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/248 tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar il-miżuri SA.23008 (2013/C) (ex 2013/NN) implimentati mir-Repubblika Slovakka għal Spoločná zdravotná poisťovňa, a.s (SZP) u Všeobecná zdravotná poisťovňa, a. s. (VZP) (ĠU 2015, L 41, p. 25).

## II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

7. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' April 2015, Dôvera ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, li insostenn tiegħu hija qajmet żewġ motivi. Permezz tal-ewwel motiv, din il-kumpannija argumentat essenzjalment li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "impriża", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, f'żewġ aspetti. L-ewwel nett, hija ma eżaminatx jekk SZP u VšZP jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li jeżerċitaw *kwalunkwe* attività ekonomika, tkun xi tkun fi ħdan jew lil hinn mis-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja, f'liema każ dawn kellhom jiġu kklassifikati bħala impriżi. It-tieni nett, hija kkunsidrat li l-klassifikazzjoni bħala "ekonomika" tal-attività eżerċitata mill-kumpanniji attivi fis-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard tiddependi fuq kalkolu ta' elementi ekonomiċi u mhux ekonomiċi, filwaqt li skont l-imsemmija kumpannija, il-presenza ta' element ekonomiku, ikun xi jkun, f'sistema ta' assigurazzjoni għall-mard huwa suffiċjenti sabiex tiġi kklassifikata bħala attività ekonomika. Permezz tat-tieni motiv, Dôvera argumentat essenzjalment, li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u ta' evalwazzjoni billi kkunsidrat li fis-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard, l-elementi mhux ekonomiċi jipprevalu fuq l-elementi ekonomiċi.

8. Mingħajr ma eżaminat l-ewwel motiv, il-Qorti Ġenerali laqgħet it-tieni motiv, u fuq din il-bażi, annullat id-deċiżjoni kontenzjuża.

9. Wara li fakkret il-ġurisprudenza relattiva għall-kunċett ta' "impriża"[3], b'mod partikolari dik li tirrigwarda l-iskemi ta' sigurtà soċjali, il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx wettqet żball ta' liġi billi kkonkludiet li l-elementi ekonomiċi tas-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja ma jqajmux dubji dwar l-elementi mhux ekonomiċi ta' din is-sistema[4]. Għall-finijiet ta' dan l-eżami, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, qabel kollox, li s-sistema inkwistjoni kellha, essenzjalment, l-elementi mhux ekonomiċi segwenti:

- il-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard huma legalment marbuta jkopru kull resident Slovakk li jagħmel talba u ma jistgħux jirrifjutaw l-assigurazzjoni ta' persuna minħabba l-età, l-istat ta' saħħa jew ir-riskju ta' mard tagħha;
- din hija sistema ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji li l-ammonti tagħhom huma stabbiliti mil-liġi, proporzjonalment għad-dħul tal-persuna assigurata, iżda indipendentement mill-benefiċċji li tirċievi jew mir-riskju li jirriżulta, b'mod partikolari, mill-età jew mill-istat ta' saħħa tal-persuna assigurata;
- il-persuni assigurati kollha huma ggarantiti l-istess livell bażiku ta' benefiċċji;
- teżisti skema ta' ugwalizzazzjoni tar-riskju, li permezz tagħha l-korpi li jassiguraw persuni b'riskju għoli jirċievu fondi mill-korpi li għandhom portafoll kompost minn persuni li jippreżentaw inqas riskji;
- il-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard huma suġġetti għal leġiżlazzjoni speċjali; minbarra statut, tad-drittijiet u obbligi identiċi, kull korp għandu l-għan li jimplimenta l-assigurazzjoni għall-mard pubblika u ma jistax jeżerċita attivitajiet oħra minbarra dawk previsti mil-liġi;
- l-attivitajiet tal-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard huma suġġetti għal kontroll minn awtorità regolatorja li tiżgura l-osservanza, minn dawn il-korpi, tal-kuntest leġiżlattiv deskritt iktar 'il fuq u tintervjeni f'każ ta' ksur;

3 Sentenza appellata, punti 45 sa 53.

4 Sentenza appellata, punt 54.

10. Għalhekk il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 58 tas-sentenza appellata, li kien hemm "lok li tiġi approvata l-konklużjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi essenzjalment li l-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja għandha aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji importanti".

11. Imbagħad, il-Qorti Ġenerali kompliet l-analiżi tagħha billi ħadet inkunsiderazzjoni l-elementi ekonomiċi ta' din is-sistema [5]. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fl-ewwel lok, li l-possibbiltà li l-kumpanniji ta' assigurazzjoni għall-mard jistgħu jagħmlu, jużaw u jiddistribwixxu parti mill-profitt tagħhom setgħet tqajjem dubju dwar in-natura mhux ekonomika tal-attività tagħhom. F'dan il-kuntest, il-konstatazzjoni li tali possibbiltà kienet suġġetta għall-osservanza ta' rekwiżiti stretti intiżi sabiex jiżguraw id-durabbiltà tal-iskema u t-twettiq tal-għanijiet soċjali u ta' solidarjetà li fuqhom hija msejsa ma hijiex rilevanti, peress li, fi kwalunkwe każ, il-possibbiltà li l-kumpanniji ta' assigurazzjoni għall-mard Slovakki jfittxu u jagħmlu profitti b'mod liberu turi li dawn għandhom skop ta' lukru, u għalhekk, li l-attivitajiet li huma jeżerċitaw fis-suq jaqgħu fl-isfera ekonomika.

12. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat l-eżistenza ta' "ċerta" kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-estensjoni tal-offerta bejn il-kumpanniji ta' assigurazzjoni għall-mard differenti. F'dan ir-rigward, hija kkunsidrat li anki jekk il-kompetizzjoni li teżisti fl-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja ma tirrigwardax la l-benefiċċji legali obbligatorji u lanqas l-ammont tal-kontribuzzjonijiet, din il-kompetizzjoni tibqa' madankollu "intensa u kumplessa", minħabba l-fatt li l-imsemmija korpi setgħu jżidu l-benefiċċji legali obbligatorji permezz ta' benefiċċji konnessi gratwiti u li l-persuni assigurati kienu liberi li jagħżlu l-fornitur tagħhom ta' assigurazzjoni għall-mard u li jibdluh darba fis-sena [6].

13. Għalhekk, fid-dawl tal-iskop ta' lukru li għandhom dawn il-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard u tal-eżistenza ta' kompetizzjoni "intensa" fir-rigward tal-kwalità u l-offerta ta' servizzi, il-Qorti Ġenerali kklassifikat l-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard fis-Slovakkja bħala attività ekonomika [7].

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

14. Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-262/18 P, il-Kummissjoni sostnuta mir-Repubblika tal-Finlandja, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– l-annullament tas-sentenza appellata;

– li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali jew, sussidjarjament, li tiġi deċiża definittivament u

– li jiġu rriżervati l-ispejjeż jew li Dôvera u Union jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

15. Ir-Repubblika Slovakka titlob lil-Qorti tal-Ġustizzja:

– li jintlaqa' l-appell u

– li Dôvera u Union jiġu kkundannati għall-ispejjeż jew li l-ispejjeż jiġu rriżervati.

16. Dôvera titlob:

– li l-appell jiġi miċħud u

5 Sentenza appellata, punti 63 u 64.
6 Sentenza appellata, punti 65 sa 67.
7 Sentenza appellata, punt 68.

– li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

17. Permezz tal-appell tagħha fil-Kawża C-271/18 P, ir-Repubblika Slovakka, sostnuta mir-Repubblika tal-Finlandja, titlob:

– l-annullament tas-sentenza appellata;

– li r-rikors jiġi miċħud, jew sussidjarjament, li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali u

– li Dôvera u Union jiġu kkundannati għall-ispejjeż jew li l-ispejjeż jiġu rriżervati.

18. Il-Kummissjoni titlob:

– l-annullament tas-sentenza appellata;

– li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali, jew sussidjarjament, li tiġi deċiża definittivament u

– li l-ispejjeż jiġu rriżervati jew li Dôvera u Union jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

19. Dôvera u Union jitolbu:

– li l-appell jiġi miċħud u

– li r-Repubblika Slovakka tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

20. Permezz tal-appelli inċidentali tagħha fil-Kawżi C-262/18 P u C-271/18 P, Dôvera titlob:

– l-annullament tal-punt 58 tas-sentenza appellata sa fejn jistabbilixxi li Dôvera ma kinitx ikkontestat il-konstatazzjoni li l-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard għandha "aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji importanti".

21. Union titlob:

– l-annullament tal-punt 58 tas-sentenza appellata sa fejn jistabbilixxi li Dôvera ma kinitx ikkontestat il-konstatazzjoni li l-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard għandha "aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji importanti" u

– li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

22. Ir-Repubblika Slovakka titlob:

– li l-appell inċidentali jiġi miċħud bħala inammissibbli u

– li Dôvera tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

23. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– li l-appell inċidentali jiġi miċħud bħala inammissibbli, jew sussidjarjament, l-annullament tas-sentenza appellata;

– li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali, jew sussidjarjament, li tiġi deċiża definittivament u

– li l-ispejjeż jiġu rriżervati jew li Dôvera u Union jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

24. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2018, il-Kawżi C-262/18 P u C-271/18 P ġew magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura orali kif ukoll tas-sentenza.

25. Il-Kummissjoni, ir-Repubblika Slovakka, Dôvera u Union għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta tal-1 ta' Ottubru 2019.

## IV. L-appelli prinċipali

26. Insostenn tal-appelli tagħhom, il-Kummissjoni u r-Repubblika Slovakka, sostnuti mir-Repubblika tal-Finlandja, iqajmu rispettivament, tlieta u erba' aggravji. It-tliet aggravji mqajma mill-Kummissjoni jikkorrispondu, essenzjalment, għat-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju mqajma mir-Repubblika Slovakka, li ser nitratta flimkien f'dawn il-konklużjonijiet, wara l-eżami tal-ewwel aggravju mressaq mir-Repubblika Slovakka.

### *A. Fuq l-ewwel aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P, ibbażat fuq ksur tal-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti Ġenerali*

#### *1. L-argumenti tal-partijiet*

27. Ir-Repubblika Slovakka tqis li fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eċċediet is-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju li hija għandha fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi ssuġġettat il-kwistjoni dwar jekk l-attività ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja inkwistjoni tikkostitwixxix attività ekonomika għal stħarriġ sħiħ. Fil-fatt, skont ir-Repubblika Slovakka, din il-kwistjoni timplika mingħajr dubju evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi li fir-rigward tagħhom il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-Kummissjoni. Issa, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma osservatx din is-setgħa diskrezzjonali, iżda ssostitwixxiet l-evalwazzjoni ekonomika tagħha għal dik tal-Kummissjoni.

28. Dôvera u Union isostnu li dan l-aggravju ma huwiex fondat. Insostenn tat-talbiet tagħhom, huma jargumentaw li l-kwistjoni dwar jekk l-attività ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja fis-Slovakkja tikkostitwixxix attività ekonomika ma tirrikjedix evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, iżda sempliċi eżami tal-fatti. Fil-fatt dawn l-evalwazzjonijiet ma jurux li huwa neċessarju li ssir evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3) TFUE. Fi kwalunkwe każ, l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata twassal għall-konstatazzjoni ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-provi sostnuti fid-deċiżjoni kontenzjuża ma jsostnux il-konklużjonijiet li nġibdu f'din id-deċiżjoni.

#### *2. Evalwazzjoni*

29. Preliminarjament, jidhirli li huwa neċessarju, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Qorti Ġenerali eċċedietx effettivament is-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju tagħha, li jsiru xi osservazzjonijiet li jirrigwardaw il-prinċipji li jirregolaw l-intensità tal-imsemmi stħarriġ fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat.

30. F'dan il-qasam, żewġ tipi ta' stħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni huma ġeneralment eżerċitati mill-qorti tal-Unjoni: stħarriġ sħiħ, li permezz tiegħu hija tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni, jew stħarriġ ristrett, ta' portata iktar ridotta[8]. F'dan l-aħħar każ, il-qorti tillimita ruħha "għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura u tal-motivazzjoni, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati sabiex issir l-għażla kkontestata, tal-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew in-nuqqas ta' abbuż ta' poter"[9].

31. Skont ġurisprudenza klassika, il-fattur li l-presenza tiegħu twassal lill-qorti tal-Unjoni sabiex teżerċita sempliċi stħarriġ ristrett, minflok stħarriġ sħiħ, jinsab fin-natura ekonomika jew teknika kumplessa tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkonċernata[10]. Huwa r-rekwiżit li l-Kummissjoni tingħata setgħa diskrezzjonali dedott minn din in-natura li timponi stħarriġ ġudizzjarju ta' portata iktar limitata.

32. Konsegwentement, l-ewwel stadju tal-analiżi intiż sabiex jiddetermina l-portata tal-istħarriġ li l-qorti tal-Unjoni għandha twettaq jikkonsisti fil-verifika dwar jekk l-evalwazzjonijiet suġġetti għall-eżami tagħha għandhomx jiġu kklassifikati bħala evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi.

33. F'dan ir-rigward, fl-assenza ta' definizzjoni ġenerali tal-kunċett ta' "evalwazzjoni ekonomika kumplessa", il-ġurisprudenza tistedinni nirrispondi, qabel kollox, għad-domanda dwar jekk l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni inkwistjoni f'dan l-eżami sarux fil-kuntest tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat jew tal-kompatibbiltà mas-suq intern.

34. F'dan l-aħħar każ, ma jkunx neċessarju li tkompli l-analiżi, minħabba l-fatt li, kif ddikjarat b'mod kostanti l-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżami tal-kompatibbiltà fir-rigward tal-Artikolu 107(3) TFUE tinkludi *neċessarjament* evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi[11].

35. Mill-banda l-oħra, l-eżami meħtieġ mill-Artikolu 107(1) TFUE, fil-prinċipju, ma jħallix marġni għal tali evalwazzjonijiet, peress li skont ġurisprudenza kkonsolidata, il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat għandu natura ġuridika u għandu jiġi interpretat abbażi ta' elementi oġġettivi[12]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dan il-kunċett jista', f'ċerti kazijiet, jeħtieġ evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi.

36. Hija preċiżament il-kwistjoni dwar jekk l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li jirrigwardaw l-klassifikazzjoni ta' impriża fil-kuntest tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat jistgħux jaqgħu taħt wieħed minn dawn il-każijiet, li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna teżamina sabiex tiddeċiedi l-ewwel aggravju tar-Repubblika Slovakka.

37. Fl-appell tagħha, ir-Repubblika Slovakka tiddikjara biss, li waqt il-verifika dwar jekk il-kumpanniji li joperaw fi ħdan l-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja jaqgħux taħt il-kunċett ta' "impriża", il-Kummissjoni mingħajr dubju għamlet evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi. Insostenn tal-argument tagħha, ir-Repubblika Slovakka tiċċita diversi deċiżjonijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja

8 Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Frar 1996, Il-Bejġju vs Il-Kummissjoni (C-56/93, EU:C:1996:64, punt 11); tat-8 ta' Mejju 2003, L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni (C-328/99 u C-399/00, EU:C:2003:252, punt 39), tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et* (C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punt 143).kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 114).

9 Ara b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Frar 1996, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-56/93, EU:C:1996:64, punt 11).

10 Ara s-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post (C-399/08 P, EU:C:2010:481, punt 97).

11 Sentenza tas-17 ta' Settembru 1980, Philip Morris Holland vs Il-Kummissjoni (730/79, EU:C:1980:209, punt 24), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li waqt l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà, "il-Kummissjoni tgawdi setgħa diskrezzjonali li l-eżerċizzju tagħha jimplika evalwazzjonijiet ta' natura ekonomika u soċjali li għandhom isiru f'kuntest Komunitarju".

12 Din hija formola rripetuta b'mod kostanti mill-Qorti tal-Ġustizzja u li wieħed isib għall-ewwel darba, fis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2000, Franza vs Ladbroke Racing u Il-Kummissjoni (C-83/98 P, EU:C:2000:248, punt 25).

kkunsidrat li evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni jippreżentaw tali natura. Ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dawn l-evalwazzjonijiet għandhom natura ekonomika kumplessa, skont ir-Repubblika Slovakka, ma hemm ebda raġuni għaliex din l-istess natura għandha tiġi miċħuda fir-rigward tal-evalwazzjonijiet inkwistjoni f'din il-kawża.

38. Sabiex inkun nista' nesprimi ruħi dwar il-fondatezza ta' dan l-argument, jidhirli li huwa neċessarju li jiġi identifikat is-suġġett an tal-evalwazzjonijiet inkwistjoni fl-imsemmija deċiżjonijiet [13]:

– fil-kawża DSG vs Il-Kummissjoni [14], l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni inkwistjoni kienet tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk investitur privat kienx żied jew estenda l-linja ta' kreditu mogħtija lil kumpannija privata għall-istess kundizzjonijiet bħall-Gvern Ġermaniż, fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja u l-prospetti ta' profittabbiltà ta' din il-kumpannija;

– fil-kawża Spanja vs Lenzing [15], l-evalwazzjoni inkwistjoni kienet tirrigwarda l-punt dwar jekk kreditur privat kienx aġixxa bl-istess mod bħaż-żewġ korpi pubbliċi Spanjoli kkonċernati peress li kkonkluda ftehim ta' ristrutturazzjoni tad-djun ma' kumpannija privata u ma għamilx l-irkupru forzat ta' dawn id-djun wara l-ksur tal-imsemmi ftehim min-naħa tal-kumpannija inkwistjoni, fid-dawl ta' serje ta' fatturi u ċirkustanzi, b'mod partikolari l-garanziji marbuta mal-krediti tiegħu u l-prospetti ta' vijabbiltà u profittabbiltà tal-kumpannija debitriċi;

– fil-kawża Chronopost u La Poste vs UFEX *et* [16], l-evalwazzjoni inkwistjoni kienet tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk ir-remunerazzjoni tal-assistenza loġistika u kummerċjali pprovduta mill-operatur pubbliku Franċiż fis-settur tal-kunsinna postali ordinarja lill-kumpannija li tamministra l-kunsinna espressa, li huwa jikkontrolla indirettament, matul perijodu ta' għaxar snin, ikkorrispondietx għall-aġir li kien jiġi adottat, fl-istess kundizzjonijiet, minn investitur privat;

– fil-kawża Il-Kummissjoni vs Scott [17], l-evalwazzjoni inkwistjoni kienet tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-prezz imħallas minn kumpannija għal art mibjugħa mill-awtoritajiet pubbliċi Franċiżi jikkorrispondix għall-prezz tal-bejgħ li venditur privat kien jaċċetta;

– fil-kawża Land Burgenland *et* vs Il-Kummissjoni [18], l-evalwazzjoni inkwistjoni kienet tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-awtoritajiet pubbliċi Awstrijaċi kinux aġixxew bl-istess mod bħal venditur privat meta biegħu bank reġjonali, mhux lill-offerent bl-ogħla offerta iżda lil parti oħra, għal prezz tax-xiri nettament inqas, fid-dawl ta' diversi ċirkustanzi, b'mod partikolari l-grad ta' ċertezza tat-tranżazzjoni u r-riskji finanzjarji assoċjati.

39. Issa, fil-fehma tiegħi, ma hemmx dubju li s-sempliċi riferiment għal din is-serje ta' deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jistax fih innifsu jiġġustifika r-rikonoxximent ta' natura ekonomika kumplessa lill-evalwazzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni ta' SZP u VšZP bħala impriża, peress li *ebda* waħda mill-evalwazzjonijiet ikkunsidrati bħala ekonomiċi kumplessi f'dawn id-deċiżjonijiet ma hija intiża sabiex tiddetermina jekk l-entità benefiċjarja ta' appoġġ pubbliku taqax fil-kunċett ta' "impriża".

13 Waħda mid-deċiżjonijiet invokati mir-Repubblika Slovakka, jiġifieri s-sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (C-12/03 P, EU:C:2005:87), ma hijiex ser tkun l-oġġett tal-analiżi tiegħi, minħabba l-fatt li din ingħatat fil-qasam antitrust, u mhux dak tal-għajnuna mill-Istat. Fil-fehma tiegħi, dan l-element jimplika neċessarjament li s-sentenza inkwistjoni ma hijiex rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni relattivi għall-kwistjoni dwar jekk SZP u VšZP jaqgħux fil-kunċett ta' "impriża" skont l-Artikolu 107(1) TFUE, jikkostitwixxux evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, peress li din id-determinazzjoni hija influwenzata b'mod qawwi min-natura oġġettiva tal-kunċett tal-għajnuna mill-Istat.

14 Digriet tal-25 ta' April 2002 (C-323/00 P, EU:C:2002:260).

15 Sentenza tat-22 ta' Novembru 2007 (C-525/04 P, EU:C:2007:698)

16 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008 (C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375).

17 Sentenza tat-2 ta' Settembru 2010 (C-290/07 P, EU:C:2010:480).

18 Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013 (C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P, EU:C:2013:682).

40. Mill-banda l-oħra, l-għan tal-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi kollha inkwistjoni fid-deċiżjonijiet iċċitati mir-Repubblika Slovakka huwa l-verifika tal-eżistenza ta' vantaġġ permezz tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-operatur privat li jopera f'ekonomija tas-suq fil-verżjonijiet differenti tiegħu, jiġifieri l-kriterji tal-investitur privat, tal-kreditur privat u tal-bejjiegħ privat (iktar 'il quddiem il-"kriterju tal-operatur privat")[19], li ma jidhirlix li huwa sorprendenti, peress li fil-kuntest tal-istħarriġ li għandha twettaq sabiex tiddetermina jekk il-kundizzjonijiet tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat humiex issodisfatti, il-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn naf jien, tirrikonoxxi n-natura ekonomika kumplessa għall-evalwazzjonijiet biss li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-imsemmi kriterju[20], u waslet sabiex tikkonstata li din l-applikazzjoni timplika mingħajr dubju tali natura[21].

41. Peress li fl-appell tagħha, ir-Repubblika Slovakka targumenta b'mod impliċitu li l-konklużjoni dwar il-kriterju tal-operatur privat għandha tappika *b'analoġija* għal dan il-każ, għandu jiġi ddeterminat jekk il-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi natura ekonomika kumplessa lill-implimentazzjoni tal-kriterju tal-operatur privat humiex trasponibbli għall-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina jekk SZP u VšZP jaqgħux taħt il-kunċett ta' "impriża", kif tqis ir-Repubblika Slovakka.

42. Dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jiġu identifikati. L-ewwel nett, fir-rigward tan-natura ekonomika tal-evalwazzjonijiet ikkonċernati, ma hemm l-ebda dubju li peress li operatur privat jaġixxi skont il-possibbiltajiet ta' profittabbiltà prevedibbli, apparti kull kunsiderazzjoni oħra[22], l-implimentazzjoni ta' test ta' konformità mal-aġir tiegħu jimplika neċessarjament analiżi li tirrigwarda data ekonomika. It-tieni nett, fil-fehma tiegħi, in-natura kumplessa tal-imsemmija evalwazzjonijiet hija spjegata, fil-fehma tiegħi, mill-fatt li l-kriterju tal-operatur privat ma jirrikjedix li tiġi kkonstatata data ekonomika ppruvata, iżda purament ipotetika, sa fejn dan jirrigwarda analiżi *ex ante* tal-prospetti ta' profittabbiltà ta' aġir fis-suq[23]. Huwa preċiżament dan l-element ta' *prospettività*, ta' *previżjoni ekonomika* li jidhirli li huwa l-bażi tan-natura ekonomika kumplessa tal-evalwazzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-kriterju tal-operatur privat. Barra minn hekk, din il-konstatazzjoni jidhirli li hija kkorroborata minn silta tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Scott, li fih il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeduċi, b'mod partikolari mill-fatt li l-art kontenzjuża kienet inbiegħet lill-kumpannija privata kkonċernata fl-assenza kemm ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti inkundizzjonata kif ukoll ta' evalwazzjoni minn espert indipendenti, li "[b]'hekk […] il-kompitu tal-Kummissjoni kien tant kumpless u seta' jwassal biss għal *stima approssimattiva* tal-valur tas-suq tal-art kontenzjuża"[24].

43. Fil-qosor, jidher li n-natura ekonomika kumplessa tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni waqt l-implimentazzjoni tal-kriterju tal-operatur privat hija dovuta għal fatt li r-riskju inerenti għal kull tbassir ekonomiku jagħmel neċessarju sforz ta' interpretazzjoni li għalih il-qorti tal-Unjoni ma hijiex mgħammra, li jiġġustifika l-għoti ta' marġni ta' diskrezzjoni lill-Kummissjoni[25].

44. Huwa ovvju li dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jiġu applikati b'analoġija għall-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni, bħal dawk intiżi sabiex jiġi ddeterminat jekk entità benefiċjarja ta' appoġġ pubbliku għandhiex tiġi kkunsidrata bħala impriża fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li ma jinkludu ebda element ta' tbassir ekonomiku.

19 Dawn il-kriterji huma ddefiniti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, C 262, p. 1), fil-punt 74.

20 Minbarra d-deċiżjonijiet iċċitati mir-Repubblika Slovakka, ara wkoll is-sentenzi tad-29 ta' Frar 1996, Il-Beġġju vs Il-Kummissjoni (C-56/93, EU:C:1996:64, punti 10 u 11) kif ukoll tat-8 ta' Mejju 2003, L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni (C-328/99 u C-399/00, EU:C:2003:252, punti 38 u 39).

21 Ara s-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, EU:C:2007:698, punt 59), tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Scott (C-290/07 P, EU:C:2010:480, punt 68), tal-24 ta' Jannar 2013, Frucona Košice vs Il-Kummissjoni (C-73/11 P, EU:C:2013:32, punt 74) kif ukoll tat-30 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs France u Orange (C-486/15 P, EU:C:2016:912, punt 90).

22 F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 1986, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (234/84, EU:C:1986:302, punt 14).

23 Ara b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs EDF (C-124/10 P, EU:C:2012:318, punti 82 sa 85 u 105).

24 Sentenza tat-2 ta' Settembru 2010 (C-290/07 P, EU:C:2010:480, punt 70). Enfasi miżjuda minni.

25 Ara Ritleng, D., *Le juge communautaire de la légalité et le pouvoir discrétionnaire des institutions communautaire*", AJDA, 1999, Nru 9, p. 645.

45. Għalhekk tqum il-mistoqsija jekk, minkejja dan, l-imsemmija evalwazzjonijiet, u b'mod iktar partikolari dawk li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni bħala impriża ta' entità li topera fi ħdan sistema ta' sigurtà soċjali, jistgħux jiġu kkunsidrati li għandhom natura ekonomika kumplessa abbażi ta' kunsiderazzjonijiet *differenti* minn dawk li kienu l-bażi tar-rikonoxximent ta' tali natura fil-każ tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-operatur privat.

46. Fil-fehma tiegħi, it-tweġiba għandha tkun fin-negattiv.

47. Fil-fatt, inqis li dawn l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni ma għandhomx, fi kwalunkwe każ, natura ekonomika kumplessa għar-raġunijiet esposti hawn taħt.

48. L-ewwel nett nosserva li kif ser jirriżulta mill-eżami tal-aggravji bbażati fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' impriża[26], il-kwistjoni dwar jekk l-attività mwettqa minn entità li topera fi ħdan sistema ta' sigurtà soċjali għandhiex natura ekonomika u għalhekk tippermettix li din l-entità tiġi kklassifikata bħala impriża, timplika l-verifika tal-eżistenza ta' ċerti elementi, bħan-natura obbligatorja jew fakultattiva tal-affiljazzjoni mal-iskema tas-sigurtà soċjali, il-libertà jew l-assenza ta' libertà fir-rigward tal-iffissar tal-ammont tal-kontribuzzjonijiet jew ir-relazzjoni ta' dipendenza jew indipendenza bejn dan l-ammont u l-benefiċċji mħallsa, fis-sistema ġuridika nazzjonali li tirregola l-eżerċizzju tal-attività li jiġi pprovdut is-servizz ta' sigurtà soċjali kkonċernat.

49. Ma jidhirlix li hemm xi dubju, l-ewwel nett, li l-evalwazzjonijiet dwar l-eżistenza ta' dawn l-elementi, li jirrigwardaw il-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, għandhom natura ġuridika evidenti, u mhux ekonomika.

50. Fir-rigward tan-natura kumplessa, anki jekk, fis-sistemi "mħallta", dawn l-evalwazzjonijiet jimplikaw l-ibbilanċjar ta' elementi ekonomiċi u mhux ekonomiċi, jien ma naħsibx li tali eżerċizzju huwa tant kumpless li jiġġustifika l-għoti ta' marġni ta' diskrezzjoni lill-Kummissjoni, kif jintwera mill-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja wettqet hija stess dawn l-evalwazzjonijiet fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari li wasslu għas-sentenzi msemmija fil-punti 115 u 120 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, fil-fehma tiegħi ma huwiex neċessarju li nikkunsidra l-argument żviluppat f'dan l-aggravju, li permezz tiegħu r-Repubblika Slovakka tikkritika lill-Qorti Ġenerali ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni. Jidhirli li dan l-argument jiddependi fuq il-konstatazzjoni li l-kunċett ta' "impriża" jimplika li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, li jien nissuġġerixxi li għandu jiġi miċħud f'dan il-każ.

52. Għalhekk, jien naħaseb li billi fis-sentenza appellata, issostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha stess għal dik tal-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala impriża ta' SZP u VšZP, il-Qorti Ġenerali ma eċċedietx il-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, kif stabbiliti mill-ġurisprudenza rilevanti.

*3. Konklużjoni dwar l-ewwel aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P*

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel aggravju fil-Kawża C-271/18 P bħala infondat.

26 Ara t-Titolu C ta' dawn il-konklużjonijiet.

### *B. Fuq l-ewwel aggravju mqajjem mill-Kummissjoni fil-Kawża C-262/18 P u r-raba' aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P, ibbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni*

*1. L-argumenti tal-partijiet*

54. Il-Kummissjoni u r-Repubblika Slovakka, sostnuti mir-Repubblika tal-Finlandja, jargumentaw li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata hija kemm kontradittorja kif ukoll insuffiċjenti. B'mod partikolari, din il-motivazzjoni ma tippermettix li jinftiehem liema kriterju ġuridiku ġie applikat fis-sentenza appellata. Fil-fatt, filwaqt li l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża billi laqgħet it-tieni motiv tar-rikors, relattiv għall-ibbilanċjar ta' elementi ekonomiċi u mhux ekonomiċi, mill-punti 58 u 63 sa 69 tas-sentenza appellata, jirriżulta li fir-realtà l-Qorti Ġenerali applikat il-kriterju ġuridiku propost fil-kuntest tal-ewwel motiv tar-rikors, li jipprovdi li l-preżenza ta' element ekonomiku, ikun xi jkun, f'sistema ta' assigurazzjoni għall-mard, huwa suffiċjenti sabiex jikklassifika bħala ekonomika l-attività eżerċitata mill-korpi attivi f'din is-sistema.

55. Ir-Repubblika Slovakka żżid li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata ma tippermettix li jinftiehmu r-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali eskludiet il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas l-importanza mogħtija mill-Qorti Ġenerali lill-possibbiltà tal-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard li jużaw u jiddistribwixxu parti mill-profitti tagħhom kif ukoll lill-grad limitat ta' kompetizzjoni eżistenti. Fir-rigward tal-profitti, il-Qorti Ġenerali naqset b'mod partikolari milli tieħu inkunsiderezzjoni l-fatt li waħda mill-miżuri oġġett tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet l-applikazzjoni ta' perijodu li fih il-korpi ta' assigurazzjoni kienu pprojbiti milli jiddistribwixxu l-profitti. Fir-rigward tal-grad ta' kompetizzjoni eżistenti, is-sentenza appellata hija kontradittorja, peress li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, minn naħa, li dawn il-kumpanniji kellhom biss "ċerta kompetizzjoni", u min-naħa l-oħra, li din il-kompetizzjoni kienet "intensa u kumplessa".

56. Dôvera u Union iwieġbu li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata hija suffiċjentement ċara u preċiża. B'mod partikolari, mill-punt 54 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma applikatx il-kriterju legali propost minn Dôvera fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha, iżda wettqet ibbilanċjar ta' elementi differenti preżenti fl-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja. F'dan il-kuntest, il-punt 69 tas-sentenza appellata jikkostitwixxi biss *obiter dictum*, u mill-punti 63 sa 68 ta' din is-sentenza jirriżulta b'mod ċar li l-klassifikazzjoni tal-attività eżerċitata mill-kumpanniji attivi fis-sistema ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja bħala "ekonomika" kienet ibbażata fuq il-preżenza ta' żewġ elementi kumulattivi, jiġifieri l-eżistenza ta' kompetizzjoni bejniethom u li l-korpi l-oħra minbarra SZP u VšZP isegwu skop ta' lukru. Fir-rigward tal-użu u d-distribuzzjoni tal-profitti mwettqa minn dawn il-kumpanniji ta' assigurazzjoni għall-mard, ir-restrizzjonijiet legali eżistenti huma normali għall-attivitajiet ta' assigurazzjoni u ma jfissrux li l-attivitajiet inkwistjoni huma nieqsa minn natura ekonomika. Barra minn hekk, il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-grad ta' kompetizzjoni eżistenti huma perfettament koerenti.

*2. Evalwazzjoni*

57. L-ilmenti li fuqhom huwa bbażat dan l-aggravju jirrigwardaw in-natura allegatament insuffiċjenti kif ukoll kontradittorja tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata. Dawn għandhom jiġu eżaminati waħda waħda.

58. L-ewwel nett, għal dak li jirrigwarda l-ilment li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata kif ukoll il-konklużjoni li waslet għaliha juru li anki jekk hija annullat id-deċiżjoni kontenzjuża billi laqgħet it-tieni motiv tar-rikors, fir-realtà, hija applikat il-kriterju legali propost mill-parti rikorrenti fil-kuntest tal-ewwel motiv tar-rikors tagħha, nosserva li dan l-ilment huwa bbażat fuq il-qari tal-punti 58 u 63 sa 69 tas-sentenza appellata, imfakkar hawn taħt.

59. Billi eżaminat it-tieni motiv tar-rikors, il-Qorti Ġenerali kkonfermat, fil-punt 58 tas-sentenza appellata, il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-iskema Slovakka hija essenzjalment ibbażata fuq is-solidarjetà, u aċċettat, fil-punt 64 ta' din is-sentenza, l-ispjegazzjoni ulterjuri tal-Kummissjoni li l-karatteristiċi ekonomiċi tal-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja kienu ġew introdotti sabiex jiġi żgurat it-twettiq tal-għanijiet soċjali u ta' solidarjetà tagħha. Dan kellu jwassal lill-Qorti Ġenerali sabiex tiċħad dan il-motiv, peress li l-kriterju ġuridiku applikat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha u aċċettat mir-rikorrenti fl-ewwel istanza fil-kuntest tat-tieni motiv tar-rikors tagħha jikkonsisti fil-punt dwar jekk l-iskema inkwistjoni hijiex essenzjalment ibbażata fuq is-solidarjetà jew jekk għandhiex essenzjalment natura ekonomika, u d-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-punti fuq imsemmija jindikaw b'mod ċar li l-għażla korretta hija l-ewwel waħda. Mill-banda l-oħra, fil-punt 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet dan il-motiv u annullat id-deċiżjoni kkontestata abbażi tal-konstatazzjoni li l-presenza ta' operaturi oħra li għandhom skop ta' lukru u l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' kompetizzjoni fis-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja juru n-natura ekonomika tal-attività eżerċitata fi ħdan tali sistema. Dawn iż-żewġ elementi ekonomiċi kienu għalhekk, waħedhom, tali li jibdlu l-provvista ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja fis-Slovakkja f'attività ekonomika, minkejja l-aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji predominanti.

60. Jidhirli li dan l-ilment huwa bbażat fuq il-premessa li fil-punt 58 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja għandha aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji "predominanti".

61. F'dan ir-rigward, nirrileva li fil-verżjoni fil-lingwa tal-proċedura tas-sentenza appellata, jiġifieri fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża, il-Qorti Ġenerali fakkret qabel kollox, fil-punt 54, li l-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li l-karatteristiċi soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji tal-imsemmija skema huma predominanti (*predominant*). Sussegwentement, fil-punt 55 ta' din is-sentenza, jidhirli li hija osservat li dak li fir-realtà jirriżulta mill-espożizzjoni ta' dawn il-karatteristiċi fid-deċiżjoni kontenzjuża huwa li dawn huma "importanti" (*significant*). Finalment, fil-punti 56 u 57 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali vverifikat permezz tal-identifikazzjoni tal-imsemmija karatteristiċi, l-eżattezza ta' din l-aħħar konstatazzjoni, u b'hekk waslet għal risposta pożittiva fil-punt 58 ta' din is-sentenza.

62. Madankollu, minkejja li l-punt 58 tas-sentenza appellata jikklassifika l-aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji bħala "predominanti" (*predominant*), fil-fehma tiegħi, ma hemmx dubju li peress li huwa intiż sabiex isostni l-konstatazzjoni tal-punt 55 tal-imsemmija sentenza, għandu jinftiehem bħala li jikklassifika dawn l-aspetti bħala "importanti" (*significant*), li barra minn hekk huwa kkorroborat bil-verżjoni Franċiża tas-sentenza appellata. Fil-punt 58 ta' din il-verżjoni lingwistika, tidher fil-fatt il-kelma "*important*", b'dispjaċir tradotta għall-kelma "predominant" (*predominanti*) fil-verżjoni Ingliża tas-sentenza.

63. Barra minn hekk u fuq kollox, il-klassifikazzjoni ta' dawn l-elementi bħala "predominanti" bl-ebda mod ma hija kompatibbli mal-aħħar sentenza tal-punt 58 tas-sentenza appellata nnifsu ("that finding is not challenged by the applicant"), peress li huwa stabbilit li tali karatterizzazzjoni tal-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja kienet espressament irrifjutata minn Dôvera diversi drabi matul il-proċedura tal-ewwel istanza.

64. Ċertament, il-punt 58 tas-sentenza appellata jidher li qiegħed japprova l-konklużjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża ("In the light of those various factors, *it is necessary to uphold the Commission's conclusion* that, in essence, the Slovak compulsory health insurance scheme had predominant social, solidarity and regulatory features […]" [27]), deċiżjoni li fiha l-Kummissjoni kkonkludiet diversi drabi li hemm in-natura predominanti tal-elementi mhux ekonomiċi inkwistjoni. Madankollu, iż-żieda, fit-test ta' dan il-punt, tal-espressjoni "in essence" (*essenzjalment*) turi, fil-fehma

27 Enfasi miżjuda minni.

tiegħi, li din il-konklużjoni hija approvata mill-Qorti Ġenerali sa fejn tirrigwarda l-*eżistenza* ta' dawn l-elementi, u mhux il-konsegwenzi li din l-eżistenza għandha fuq il-grad ta' solidarjetà tal-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja għall-finijiet tal-karatterizzazzjoni tal-attività eżerċitata fi ħdan din is-sistema bħala ekonomika.

65. Għalhekk, jekk wieħed jaċċetta li fil-punt 58 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat biss li l-elementi mhux ekonomiċi ta' din l-iskema kienu "importanti", ma narax kif il-motivazzjoni li hija tat tista' titqies kontradittorja.

66. Fil-fatt, peress li l-Qorti Ġenerali ma kkonfermatx il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja kienet essenzjalment ibbażata fuq is-solidarjetà, iżda rrikonoxxiet sempliċement, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-kriterju legali tal-ibbilanċjar tal-elementi ekonomiċi u mhux ekonomiċi tal-iskema, li dan fih elementi mhux ekonomiċi "importanti", il-konklużjoni tagħha li fid-dawl tal-elementi ekonomiċi eżaminati fil-punti 63 sa 67 tas-sentenza appellata, l-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard obbligtorja fis-Slovakkja kienet attività ekonomika, hija fil-fehma tiegħi, totalment koerenti mal-premessa tagħha.

67. Fil-fehma tiegħi, f'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

68. It-tieni nett, għal dak li jirrigwarda l-ilment, li jidhirli li huwa distint minn dak preċedenti, li jipprevedi li l-punt 69 tas-sentenza appellata, sa fejn jistipula li l-presenza ta' korpi ta' assigurazzjoni għall-mard li għandhom skop ta' lukru jbiddlu lil SZP u VšZP "b'effett kollaterali" f'impriżi, għandu jinqara fis-sens li dan l-element huwa suffiċjenti, *waħdu*, sabiex tiġi konkluża li hemm in-natura ekonomika tal-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard fis-Slovakkja, ma jikkonvinċinix.

69. Qabel ma nibda l-analiżi, l-imsemmi punt għandu jiġi riprodott kollu. Fih il-Qorti Ġenerali tiddikjara dan li ġej: "din il-konklużjoni [li tipprevedi li l-attività inkwistjoni għandha natura ekonomika] ma tistax tiġi kkontestata, anki jekk jiġi sostnut li SZP u VšZP ma għandhomx skop ta' lukru. Ċertament, meta l-korpi li l-attività tagħhom hija eżaminata ma jkollhomx tali skop, iżda jkollhom marġni ta' libertà sabiex joħolqu ċerta kompetizzjoni sabiex jattiraw lill-persuni assigurati, din il-kompetizzjoni ma hijiex ta' natura li tikkontesta n-natura mhux ekonomika tal-attività tagħhom, b'mod partikolari meta dan l-element ta' kompetizzjoni jkun ġie introdott sabiex jinċentiva lill-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jeżerċitaw l-attività tagħhom skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba (sentenza tas-16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150, punt 56). Madankollu mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 48 iktar 'il fuq jirriżulta li l-fatt li l-offerta ta' oġġetti u ta' servizzi ssir mingħajr skop ta' lukru ma huwiex ta' ostakolu sabiex l-entità li twettaq dawn it-tranżazzjonijiet fis-suq tiġi kkunsidrata bħala impriża, sa fejn din l-offerta tkun f'kompetizzjoni ma' dik ta' operaturi oħra li għandhom skop ta' lukru. Isegwi li ma huwiex il-fatt waħdu li jkun hemm sitwazzjoni ta' kompetizzjoni f'suq partikolari li jiddetermina n-natura ekonomika tal-attività, iżda pjuttost il-presenza, fl-imsemmi suq, ta' operaturi li għandhom skop ta' lukru. Issa, dan huwa l-każ f'din il-kawża, peress li l-partijiet jaqblu li l-operaturi tas-suq l-oħra inkwistjoni għandhom effettivament skop ta' lukru, b'tali mod li SZP u VšZP għandhom, b'effett kollaterali, ikunu kkunsidrati bħala impriżi".

70. Jekk wieħed jagħmel biss eżami purament formali, wieħed jista' jaqbel mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni u tar-Repubblika Slovakka. Fil-fatt, nosserva li minn naħa, il-Qorti Ġenerali għamlet il-konstatazzjonijiet li jinsabu fil-punt 69 tas-sentenza appellata wara li ddeċidiet, fil-punt 68 ta' din is-sentenza, li n-natura ekonomika tal-attività inkwistjoni tirriżulta mill-eżistenza ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u tal-offerta ta' servizzi u mill-presenza ta' operaturi oħra li għandhom skop ta' lukru, li jista' jinftiehem bħala xhieda tal-intenzjoni tagħha li tispeċifika tali konklużjoni fis-sens li hija t-tfittxija waħedha ta' skop ta' lukru ta' operaturi oħra, u mhux li jkun hemm iż-żewġ elementi flimkien, li kienet neċessarju sabiex tiġi konkluża n-natura ekonomika tal-attività. Min-naħa l-oħra, hija użat diversi drabi formulazzjoni li timplika ġerarkija bejn iż-żewġ elementi inkwistjoni ("[…] iżda

*pjuttost* il-presenza, fl-imsemmi suq, ta' operaturi li għandhom skop ta' lukru"[28]) jew li ma kienx neċessarju li jingħad li kien hemm l-eżistenza ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità jew tal-offerta ta' servizzi ("*peress* li l-partijiet jaqblu li l-operaturi tas-suq l-oħra inkwistjoni għandhom effettivament skop ta' lukru, [..] SZP u VšZP għandhom, *b'effett kollaterali*, ikunu kkunsidrati bħala impriżi"[29]).

71. Madankollu, meta wieħed jaħseb fuq il-kontenut essenzjali tal-punt 69 tas-sentenza appellata, jidher evidenti li dan ma huwiex intiż sabiex ibiddel il-konklużjoni magħmula fil-punt 68 ta' din is-sentenza, li tipprevedi li n-natura ekonomika tal-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja fis-Slovakkja hija bbażata fuq il-presenza konkomitanti, fi ħdan din is-sistema ta' sigurtà soċjali, ta' sitwazzjoni ta' kompetizzjoni u ta' operaturi oħra li għandhom skop ta' lukru. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak sostnut mill-Kummissjoni u mir-Repubblika Slovakka, jidhirli li l-inklużjoni ta' dan il-punt hija dovuta għall-fatt li l-Qorti Ġenerali riedet sempliċement tispeċifika l-bażi legali tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-presenza ta' operaturi oħra li għandhom skop ta' lukru fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk attività bħal dik inkwistjoni għandhiex tiġi kkunsidrata bħala ekonomika għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE.

72. Jidhirli li dan jirriżulta minn eżerċizzju ta' parafrażi tal-imsemmi punt.

73. Fil-fatt, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali jitlaq minn ipoteżi – li tista' tagħti l-impressjoni żbaljata li hija *obiter dictum*[30] –, jiġifieri dik li tipprevedi li SZP u VšZP ma għandhomx skop ta' lukru. Il-Qorti Ġenerali tkompli, li kieku dan kien il-każ, il-fatt li l-kumpanniji li joperaw fi ħdan is-sistema ta' sigurtà soċjali kkonċernata għandhom marġni ta' libertà sabiex jikkompetu ma jippermettix, waħdu, li jikkontesta n-natura mhux ekonomika tal-attività tagħhom. Mill-banda l-oħra, billi tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali timplika li din tal-aħħar ikollha neċessarjament natura ekonomika, fil-każ fejn l-operaturi li l-offerta tagħhom hija f'kompetizzjoni ma' dik ta' SZP u VšZP ikollha skop ta' lukru. Konsegwentement – u f'dan l-istadju l-Qorti Ġenerali tgħaddi, mingħajr ma tgħid dan b'mod espliċitu, mill-evalwazzjoni tal-każ inkwistjoni għall-istabbiliment ta' prinċipju iktar ġenerali –, il-presenza ta' operaturi li għandhom skop ta' lukru tikkostitwixxi, flimkien mal-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' kompetizzjoni, wieħed mill-elementi determinanti tan-natura ekonomika ta' attività. Għalhekk, skont il-Qorti Ġenerali, peress li l-fatt li l-kumpanniji l-oħra li joperaw fi ħdan is-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja għandhom skop ta' lukru ma huwiex ikkontestat, l-attività ta' SZP u VšZP għandha tiġi kkunsidrata bħala ekonomika għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħhom bħala impriża.

74. Għaldaqstant, dan it-tieni lment, għandu fil-fehma tiegħi, jiġi miċħud ukoll.

75. It-tielet nett, fir-rigward tal-ilment li jipprevedi li l-Qorti Ġenerali ma spjegatx ir-raġunijiet li għalihom hija eskludiet il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kienet dejjem ikklassifikat sistema konkreta ta' sigurtà soċjali skont l-aspetti dominanti tagħha, nirrileva li dan huwa bbażat fuq allegata kontradizzjoni bejn il-konstatazzjoni li s-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja għandha aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji "predominanti" (punt 58 tas-sentenza appellata) u l-konklużjoni li l-attività eżerċitata fi ħdan din is-sistema hija ekonomika (punt 68 ta' din is-sentenza).

76. Ladarba, kif diġà indikajt fil-punti 61 sa 64 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-punt 58 ma jikkaratterizzax dawn l-aspetti bħala "predominanti" iżda sempliċement bħala "importanti", fil-fehma tiegħi, dan l-ilment jista' biss jiġi rrifjutat.

28 Enfasi miżjuda minni.

29 Enfasi miżjud minni.

30 Fir-risposti li ppreżentaw f'dawn il-kawżi magħquda, Dôvera u Union argumentaw, fil-fatt, li peress li dan l-ilment huwa dirett kontra *obiter dictum*, huwa għandu jiġi kkunsidrat ineffettiv. L-interpretazzjoni li jien żviluppajt fil-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet turi li jien ma naqbilx ma' dan il-qari.

77. Ir-raba’ nett, għal dak li jirrigwarda l-ilment li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-restrizzjonijiet legali tal-użu u d-distribuzzjoni tal-profitti previsti mil-leġiżlazzjoni Slovakka, jidhirli li għall-kuntrarju, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali debitament immotivat il-pożizzjoni tagħha fejn iddikjarat li ma huwiex il-fatt li l-kumpanniji ta’ assigurazzjoni għall-mard għandhom il-possibbiltà li jużaw u jiddistribwixxu profitti li huwa importanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-attività ekonomika tagħhom iżda li dawn għandhom il-possibbiltà li jfittxu profitti b’mod liberu, peress li din l-aħħar possibbiltà turi li entità għandha skop ta’ lukru u li hija topera għalhekk fl-isfera ekonomika.

78. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta’ lakuni li jivvizzjaw id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali f’din il-parti tas-sentenza appellata, jien nikkunsidra li dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

79. Il-ħames nett, fir-rigward tal-ilment li permezz tiegħu il-Qorti Ġenerali hija kkritikata li naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li waħda mill-miżuri suġġett tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet tapplika għal perijodu li fih kien ipprojbit li l-korpi ta’ assigurazzjoni għall-mard jagħtu profitti, jien tal-fehma li għall-kuntrarju ta’ dak li targumenta Dôvera fir-risposta tagħha fil-Kawża C-271/18 P, dan l-ilment ma huwiex invokat għall-ewwel darba fl-istadju ta’ appell, u għahekk huwa ammissibbli [31]. Madankollu, fir-rigward tal-mertu, persważ li dan l-ilment ma jistax jirnexxi, peress li kif innotat Union fir-risposta tagħha, hija ġurisprudenza stabbilita li l-kwistjoni dwar jekk miżura ta’ appoġġ statali hijiex għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE għandha tkun solvuta abbażi ta’ elementi oġġettivi li jiġu evalwati fid-data li fiha l-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni tagħha [32]. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kellha, f’dan il-każ, teżamina jekk SZP u VšZP kinux impriżi skont is-sitwazzjoni prevalenti meta l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tagħha. F’dak iż-żmien, jiġifieri f’Ottubru 2014, il-projbizzjoni li jitħallsu profitti kienet ilha li ġiet annullata mill-Qorti Kostituzzjonali Slovakka madwar tliet snin u nofs, u għalhekk ma kinitx għadha fis-seħħ. Għalhekk, peress li n-natura insuffiċjenti tal-motivazzjoni ma tistax tkun allegata b’mod validu fil-konfront tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt, dan l-ilment għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi miċħud.

80. Finalment, fir-rigward tal-ilment li jirrigwarda n-natura kontradittorja tal-motivazzjoni li tirriżulta mill-fatt li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 65 tas-sentenza appellata, li l-korpi li joperaw fi ħdan is-sistema Slovakka ta’ assigurazzjoni għall-mard obbligatorja jwettqu biss “ċerta kompetizzjoni”, u fil-punt 67 ta’ din is-sentenza, li din il-kompetizzjoni kienet “intensa u kumplessa”, naqbel mal-argument ta’ Dôvera u Union li d-diverġenza inkwistjoni hija bbażata fuq il-premessa li t-terminoloġija użata fil-punt 65 tas-sentenza appellata hija ekwivalenti għal “grad limitat” ta’ kompetizzjoni jew kompetizzjoni eżerċitata “f’miżura limitata”, filwaqt li fir-realtà, din it-terminoloġija hija newtrali u tista’ tiġi interpretata biss fis-sens li l-grad ta’ kompetizzjoni ma huwiex illimitat. Fil-fatt, din id-differenza ta’ klassifikazzjoni tal-grad ta’ kompetizzjoni hija spjegata mill-fatt li, filwaqt li l-aġġettiv “ċerta” huwa użat mill-Qorti Ġenerali sabiex jiddefinixxi *in abstracto* wieħed mill-elementi li jistgħu jaffettwaw in-natura ekonomika tal-attività, l-aġġettivi “intensa u kumplessa” huma użati wara tali evalwazzjoni intiżi sabiex jiddefinixxu l-grad ta’ kompetizzjoni *realment* eżistenti bejn il-kumpanniji li joperaw fi ħdan is-sistema Slovakka ta’ assigurazzjoni għall-mard.

81. F’dawn iċ-ċirkustanzi, jien tal-opinjoni li dan l-ilment għandu jiġi miċħud ukoll.

31 Infakkar li, skont ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ferm stabbilita, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja argument li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam ta’ appell hija limitata, tilwima iktar estiża minn dik li tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali. Ara f’dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta’ Lulju 2019, Bayerische Motoren Werke u Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni (C-654/17 P, EU:C:2019:634).

32 Ara b’mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta’ Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, EU:C:2008:709, punt 50).

*3. Konklużjoni dwar l-ewwel aggravju fil-Kawża C-262/18 P u r-raba' aggravju fil-Kawża C-271/18 P*

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel aggravju fil-Kawża C-262/18 P kif ukoll ir-raba' aggravju fil-Kawża C-271/18 P fl-intier tagħhom bħala infondati.

***C. Fuq it-tieni aggravju mqajjem mill-Kummissjoni fil-Kawża C-262/18 P u t-tielet aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P, ibbażati fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "impriża" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE***

*1. L-argumenti tal-partijiet*

83. Il-Kummissjoni u r-Repubblika Slovakka, sostnuti mir-Repubblika tal-Finlandja, jargumentaw li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "impriża", fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, u marret kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari s-sentenzi AOK Bundesverband *et*[33], Poucet u Pistre[34], Cisal[35], Kattner Stahlbau[36] u AG2R Prévoyance[37], billi kkunsidrat, fil-punti 63 sa 69 tas-sentenza appellata, li t-tfittxija ta' skop ta' lukru mill-korpi attivi fis-sistema ta' assigurazzjoni għall-mard Slovakka kif ukoll l-eżistenza ta' ċerta kompetizzjoni bejn dawn il-korpi kienet suffiċjenti sabiex l-attivitajiet eżerċitati minnhom jiġu kklassifikati bħala "attività ekonomika", minkejja l-presenza ta' elementi dominanti mhux ekonomiċi. Ir-Repubblika Slovakka żżid li l-approċċ tal-Qorti Ġenerali jmur ukoll kontra s-sentenzi Fédération française des sociétés d'assurance *et*[38], Albany[39], Brentjens'[40], Drijvende Bokken[41] u Pavlov *et*[42].

84. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali marret kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja billi fil-punt 69 tas-sentenza appellata kkunsidrat li s-sempliċi presenza ta' operaturi li għandhom skop ta' lukru u jeżerċitaw l-istess attività bħall-operaturi li ma għandhomx skop ta' lukru tbiddel lil dawn tal-aħħar, "b'effett kollaterali", f'impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fil-fatt, mis-sentenza AOK Bundesverband *et*[43] jirriżulta li minbarra l-fatt li l-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard Slovakka għandha "aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji [predominanti]"[44], il-fatt li l-karatteristiċi ekonomiċi tagħha huma intiżi sabiex "jiżguraw id-durabbiltà tal-iskema u t-twettiq tal-għanijiet soċjali u ta' solidarjetà tagħha"[45] kellhom iwasslu lill-Qorti Ġenerali tikkonkludi li l-imsemmija skema għandha natura mhux ekonomika. Fir-rigward tal-profitti, il-punt 64 tas-sentenza appellata huwa bbażat fuq distinzjoni artifiċjali bejn, minn naħa, il-possibbiltà li jkun hemm tfittxija u jitwettqu b'mod liberu, u min-naħa l-oħra, il-possibbiltà, strettament limitata, li jintużaw u jiġu distribwiti.

33 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004 (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150).
34 Sentenza tas-17 ta' Frar 1993 (C-159/91 u C-160/91, EU:C:1993:63).
35 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2002 (C-218/00, EU:C:2002:36).
36 Sentenza tal-5 ta' Marzu 2009 (C-350/07, EU:C:2009:127).
37 Sentenza tat-3 ta' Marzu 2011 (C-437/09, EU:C:2011:112).
38 Sentenza tas-16 ta' Novembru 1995 (C-244/94, EU:C:1995:392).
39 Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999 (C-67/96, EU:C:1999:430).
40 Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999 (C-115/97 sa C-117/97, EU:C:1999:434).
41 Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999 (C-219/97, EU:C:1999:437).
42 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2000 (C-180/98 sa C-184/98, EU:C:2000:428).
43 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004 (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150).
44 Punt 58 tas-sentenza appellata.
45 Punt 64 tas-sentenza appellata.

85. Dôvera u Union iwieġbu li s-sentenza appellata hija konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, din is-sentenza wettqet l-analiżi meħtieġa tal-elementi differenti inkwistjoni, tal-importanza tagħhom u l-għan rispettiv tagħhom. Fir-rigward tas-sentenza AOK Bundesverband *et*[46], fil-fehma tagħhom, jeżistu differenzi fattwali sinjifikattivi ħafna bejn l-iskema eżaminata f'dik is-sentenza u l-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard.

86. Huma jqisu wkoll li l-ilment li l-approċċ meħud mill-Qorti Ġenerali huwa fundamentalment differenti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-punt 58 tas-sentenza appellata peress li l-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx li fl-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja, l-elementi ekonomiċi huma "predominanti", iżda sempliċement li dawn l-elementi huma "importanti".

87. Barra minn hekk, Dôvera u Union jikkunsidraw li għall-kuntrarju ta' dak li targumenta l-Kummissjoni, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx li l-karatteristiċi ekonomiċi ta' din l-iskema kienu ġew introdotti sabiex jiżguraw għanijiet soċjali u ta' solidarjetà. Fil-fehma tagħhom, ir-restrizzjonijiet relattivi għall-użu u d-distribuzzjoni tal-profitti huma normali u ma jwasslux għal limitazzjoni tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, "il-possibbiltà li jużaw u jiddistribwixxu profitti" ma hijiex indissoċjabbilment marbuta mal-"possibbiltà li jfittxu u li jwettqu profitti b'mod liberu".

88. Finalment, Dôvera u Union jikkunsidraw li l-kritika indirizzata kontra l-punt 69 tas-sentenza appellata hija ineffettiva, peress li dan il-punt jinkludi *obiter dictum*.

*2. Evalwazzjoni*

*a) Osservazzjonijiet preliminari*

89. Sabiex jiġi ddeterminat jekk, kif isostnu l-Kummissjoni u r-Repubblika Slovakka, il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "impriża", kif stabbilit fl-Artikolu 107(1) TFUE, għandu qabel kollox jitfakkar mill-ġdid li l-elementi li wasslu lill-Qorti Ġenerali tikkonkludi li minkejja l-presenza ta' aspetti importanti ta' natura soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji, l-attività eżerċitata fi ħdan is-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja għandha tiġi kklassifikata bħala ekonomika, huma, l-ewwel nett, l-eżistenza ta' kompetizzjoni bejn l-entitajiet li joperaw fiha, u t-tieni nett, il-presenza ta' operaturi oħra minbarra l-entità li hija s-suġġett tal-eżami li għandhom skop ta' lukru.

90. Konsegwentement, inqis li huwa neċessarju li l-ewwel tiġi eżaminata l-kwistjoni li jidhirli li *a priori* hija l-iktar kontroversjali, jiġifieri dik dwar jekk il-fatt li dawn l-operaturi għandhom skop ta' lukru huwiex element *rilevanti* sabiex tiġi ddeterminata n-natura ekonomika jew mhux ekonomika ta' attività partikolari għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala impriża fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE tal-entità li teżerċitaha (Titolu b).

91. Imbagħad, ladarba tiġi eskluża r-rilevanza ta' tali element, ser nivverifika, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija dwar il-klassifikazzjoni bħala impriża tal-attivitajiet eżerċitati fi ħdan sistemi ta' sigurtà soċjali, jekk il-kompetizzjoni permessa mill-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja tippermettix li jiġi konkluż li, minkejja aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji ta' din l-iskema, l-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li għandha natura ekonomika, kif tikkonkludi l-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. F'dan ir-rigward, ser nasal għal risposta negattiva (Titolu c).

46 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004 (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150).

*b) Fuq ir-rilevanza tat-tfittxija ta' skop ta' lukru mill-entitajiet l-oħra li joperaw fi ħdan is-sistema ta' sigurtà soċjali għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala attività ekonomika*

92. Kif diġà semmejt hawn fuq, il-punt 68, kif ukoll il-punt 69 tas-sentenza appellata jirrilevaw li t-tfittxija ta' skop ta' lukru mill-operaturi l-oħra li jipprovdu assigurazzjoni għall-mard obbligatorja fis-Slovakkja tikkostitwixxi, skont il-Qorti Ġenerali, element indikattiv tan-natura ekonomika tal-attività li hija s-suġġett tal-eżami.

93. B'hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-approċċ tal-Kummissjoni, li billi kkunsidrat li ma għandhiex issir distinzjoni bejn it-twettiq u l-użu jew distribuzzjoni ta' profitti, kienet evalwat il-possibbiltà offruta lill-operaturi preżenti fis-suq inkwistjoni li jużaw u jiddistribwixxu profitti *fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' kompetizzjoni* bejn dawn l-operaturi. B'mod iktar partikolari, fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kienet qieset, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 64 tas-sentenza appellata, li l-possibbiltà li jintużaw u jiġu distribwiti l-profitti mwettqa ma hijiex ta' natura li tqiegħed inkwistjoni n-natura mhux ekonomika tal-attività eżerċitata minn SZP u VšZP, fid-dawl tal-fatt li din il-possibbiltà kienet limitata b'mod iktar strett minn dak fis-setturi kummerċjali klassiċi, u kienet suġġetta għall-osservanza ta' rekwiżiti intiżi sabiex jiżguraw id-durabbiltà tal-iskema u t-twettiq tal-għanijiet soċjali u ta' solidarjetà tal-iskema inkwistjoni. F'dan ir-rigward, filwaqt li tirrikonoxxi l-eżattezza ta' din il-konstatazzjoni, il-Qorti Ġenerali indikat li din ma kinitx rilevanti għall-finijiet tal-esklużjoni tan-natura ekonomika tal-attività inkwistjoni "*sa mill-mument li* l-operaturi tas-suq inkwistjoni jaqgħu fil-loġika ta' tfittxija ta' profitti" [47].

94. Jien ma nistax naqbel mal-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali.

95. F'dan ir-rigward, nosserva qabel kollox, li fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, dan l-element qatt ma ttieħed inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni tan-natura tal-attività eżerċitata mill-entitajiet ikkonċernati.

96. Għalhekk wieħed jistenna li l-Qorti Ġenerali tindika ġurisprudenza oħra li tista' tikkostitwixxi bażi legali tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-element inkwistjoni. Fil-fatt, fil-punt 69 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tirreferi għal "ġurisprudenza ċċitata fil-punt 48 hawn fuq", jiġifieri s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Cassa di Risparmio di Firenze *et* [48] u MOTOE [49].

97. Dan ir-riferiment doppju jitlob, fil-fehma tiegħi, eżami bir-reqqa.

98. Għal dak li jirrigwarda s-sentenza Cassa di Risparmio di Firenze *et* [50], il-Qorti Ġenerali ssemmi r-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tan-natura ekonomika jew mhux ekonomika tal-attività eżerċitata minn fondazzjonijiet bankarji Taljani, meta dawn tal-aħħar iwettqu tranżazzjonijiet kummerċjali, immobbli u mobbli neċessarji jew opportuni għat-twettiq tal-għanijiet tagħhom stabbiliti f'oqsma ta' interess pubbliku u ta' utilità soċjali. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali tiċċita l-punti 122 u 123 ta' din is-sentenza, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-attivitajiet tal-imsemmija fondazzjonijiet għandha tiġi kkunsidrata bħala ekonomika, minkejja l-fatt li l-offerta ta' oġġetti u servizzi kienet magħmula mingħajr skop ta' lukra, "peress illi din l-offerta tinsab f'kompetizzjoni ma' dik ta' operaturi *li jsegwu tali għan*".

47 Korsiv miżjud minni.

48 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006 (C-222/04, EU:C:2006:8).

49 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008 (C-49/07, EU:C:2008:376).

50 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006 (C-222/04, EU:C:2006:8).

99. Fir-rigward tas-sentenza MOTOE [51], il-Qorti Ġenerali tirreferi għall-punt 27, li fih, fir-rigward tal-kwistjoni dwar l-effett li l-assenza ta' tfittxija ta' skop ta' lukru mill-entità kkonċernata għandu jkollha fuq in-natura ekonomika ta' attività ta' organizzjoni ta' kompetizzjonijiet bil-muturi u ta' konklużjoni f'dan il-kuntest ta' kuntratt ta' sponsorizzazzjoni, ta' reklamar u ta' assigurazzjoni, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-parti tas-sentenza Cassa di Risparmio di Firenze *et* [52] fuq imsemmija.

100. Minn dan isegwi li l-bażi legali li fuqha bbażat ruħha l-Qorti Ġenerali sabiex tikkunsidra l-presenza ta' operaturi oħra, li għandhom skop ta' lukru fi ħdan is-sistema li fiha hija attiva entità partikolari, bħala element determinanti li flimkien mal-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' kompetizzjoni, jiddetermina n-natura ekonomika tal-attività eżerċitata minn tali entità, jinsab fil-punt 123 tas-sentenza Cassa di Risparmio di Firenze *et* [53], *kif ikkonfermat* mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza MOTOE [54].

101. Issa, bħar-Repubblika Slovakka fl-appell tagħha, jien inqis li l-Qorti Ġenerali ma fehmitx sewwa l-artikulazzjoni bejn iż-żewġ sentenzi inkwistjoni, peress li fis-sentenza MOTOE [55], il-Qorti tal-Ġustizzja ma riditx tagħti valur ġenerali lill-formula użata fil-punt 123 tas-sentenza Cassa di Risparmio di Firenze *et* [56], iżda pjuttost riedet tispeċifika l-portata tagħha.

102. Fil-fatt, minkejja li huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għal din l-aħħar sentenza fil-punt 27 tas-sentenza MOTOE [57], meta hija ddeċidiet fuq l-effett tal-assenza ta' skop ta' lukru tal-Klabb tal-karozzi u tat-turiżmu Elleniku (iktar 'il quddiem l-"ELPA") sabiex tikklassifika uħud mill-attivitajiet tiegħu bħala ekonomiċi, huwa minnu wkoll li fil-punt segwenti tas-sentenza MOTOE [58], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, essenzjalment, li l-fatt li MOTOE, li kienet attiva fl-istess settur ta' ELPA, ma kienx għad għandha skop ta' lukru, ma kellu *ebda effett* fuq il-klassifikazzjoni tan-natura tal-attività eżerċitata minn ELPA, għal raġunijiet li hija spjegat kif ġej: "[m]inn naħa, mhuwiex eskluż li fil-Greċja jeżisti, barra mill-assoċjazzjonijiet li l-attività tagħhom tikkonsisti fl-organizzazzjoni u l-isfruttament kummerċjali ta' kompetizzjonijiet bil-muturi mingħajr ma jfittxu li jagħmlu profitt, assoċjazzjonijiet li jeżerċitaw din l-attività billi jfittxu li jagħmlu profitt u li għalhekk ikunu f'kompetizzjoni mal-ELPA. Min-naħa l-oħra, assoċjazzjonijiet li ma jagħmlux profitt, li joffru prodotti jew servizzi f'suq speċifiku, jistgħu jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' kompetizzjoni. Fil-fatt, is-suċċess jew is-sopravivenza ekonomika ta' tali assoċjazzjonijiet jiddependi, fuq tul ta' żmien, mill-kapaċità ta' dawn tal-aħħar li jimponu, fuq is-suq ikkonċernat, is-servizzi li joffru, għad-detriment ta' dawk proposti mill-operaturi l-oħra".

51 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008 (C-49/07, EU:C:2008:376).
52 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006 (C-222/04, EU:C:2006:8).
53 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006 (C-222/04, EU:C:2006:8).
54 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008 (C-49/07, EU:C:2008:376).
55 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008 (C-49/07, EU:C:2008:376).
56 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006 (C-222/04, EU:C:2006:8).
57 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008 (C 49/07, EU:C:2008:376).
58 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008 (C-49/07, EU:C:2008:376).

103. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li attività tista' tiġi kklassifikata bħala ekonomika anki jekk il-presenza ta' kompetituri li għandhom skop ta' lukru tkun purament ipotetika ("mhuwiex eskluż li [...] jeżisti") jew jekk il-kompetituri ma jkollhomx skop ta' lukru assolut ("assoċjazzjonijiet li ma jagħmlux profitt [...] jistgħu jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' kompetizzjoni ma' xulxin")[59].

104. B'hekk, 'il bogħod milli tipprevedi applikazzjoni tal-formula użata fis-sentenza Cassa di Risparmio di Firenze *et*[60] lil hinn mill-kuntest fattwali li ta lok għaliha, fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat il-ġurisprudenza tagħha billi indikat li l-iskop ta' lukru tal-kompetituri tal-entità li l-attività tagħha kienet is-suġġett tal-eżami bl-ebda mod ma huwa rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-natura ta' attività. Għall-kuntrarju, dak li huwa rilevanti, huwa *biss* il-fatt li l-entitajiet ikkonċernati jinsabu f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni.

105. Fl-aħħar mill-aħħar, għandu jiġi osservat li, f'qasam differenti, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li ċerti attivitajiet jistgħu jippreżentaw natura mhux ekonomika, *minkejja* l-fatt li dawn huma eżerċitati wkoll minn operaturi li għandhom skop ta' lukru[61]. Fil-fatt, fis-sentenza Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, hija kkunsidrat li istituzzjonijiet li jagħmlu parti minn sistema ta' edukazzjoni pubblika u li huma ffinanzjati minn fondi pubbliċi ma jwettqux attività ekonomika meta joffru servizzi edukattivi, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li istituzzjonijiet iffinanzjati minn fondi privati jipprovdu dawn l-istess servizzi għal remunerazzjoni[62].

106. Jidhirli li din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-ġurisprudenza klassika dwar il-kunċett ta' "impriża". Fil-fatt, it-tfittxija ta' skop ta' lukru minn entità partikolari tiddependi, bħala regola ġenerali, fuq l-istatus legali tagħha, u dan ma huwiex rilevanti, skont tali ġurisprudenza, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża[63].

107. Għalhekk inqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "impriża", kif previst fl-Artikolu 107(1) TFUE, billi fil-punt 68 tas-sentenza appellata kkunsidrat li t-tfittxija ta' skop ta' lukru mill-kumpanniji ta' assigurazzjoni privati kienet element indikattiv tan-natura ekonomika tal-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja eżerċitata minn SZP u VšZP.

59 Jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja hija ispirata b'mod qawwi mill-parti rilevanti tal-konklużjonijiet mogħtija f'din il-kawża mill-Avukat Ġenerali Kokott (C-49/07, EU:C:2008:142, punti 41 u 42), li tipprovdi "[i]l-fatt li entità bħalma huwa l-ELPA jieħu l-forma ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, ma jipprekludix it-teżi dwar l-eżistenza ta' attività ekonomika u għaldaqstant impriża. Bis-servizzi li dawn joffru fuq is-suq, dawn l-entitajiet jistgħu ukoll jikkompetu mal-operaturi l-oħra, u *dan irrispettivament minn jekk dawn tal-aħħar jaħdmux għal profitt jew le*. Din tinsab murija partikolarment tajjeb f'din il-kawża, fejn żewġ assoċjazzjonijiet Griegi li jaħdmu bla profitt – l-ELPA u l-MOTOE – għandhom l-għan li jorganizzaw u jidħlu fil-kummerċ tat-tlielaq tal-muturi fil-Greċja. *Is-suċċess ta' dawn l-organizzazzjonijiet, fl-aħħar mill-aħħar, jiddependi fuq il-kapaċità li s-servizzi li huma joffru jisbqu lil dawk offruti mill-operaturi l-oħra u li jiggarantixxu l-finanzjament tal-attività tagħhom*" (korsiv miżjud minni). L-unika differenza tinsab fil-fatt li għall-kuntrarju tal-Avukat Ġenerali tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tipprova tippreżenta din il-konklużjoni bħala preċiżjoni tal-portata tal-punt 123 tas-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Cassa di Risparmio di Firenze *et* (C-222/04, EU:C:2006:8), li fil-fehma tiegħi, wassal għall-iżball ta' interpretazzjoni mwettaq mill-Qorti Ġenerali f'din il-kawża.

60 Sentenza tal-10 ta' Jannar 2006 (C-222/04, EU:C:2006:8).

61 Kif innotat il-Kummissjoni fl-appell tagħha, il-Qorti Ġenerali aċċettat ukoll dan il-prinċipju. Fil-fatt, fis-sentenza tat-28 ta' Settembru 2017, Aanbestedingskalender *et* vs Il-Kummissjoni (T-138/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:675), hija kkonfermat deċiżjoni kontenzjuża li kienet tikkonstata li l-użu ta' pjattaforma tal-għoti ta' elettriku, stabbilita sabiex tiżgura li l-awtoritajiet kontraenti jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom fir-rigward ta' ċerti direttivi tal-Unjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi, ma kkostitwixxietx attività ekonomika, minkejja l-fatt li operaturi li għandhom skop ta' lukru kienu jużaw ukoll pjattaformi analogi. Appell kontra din is-sentenza ġie reċentement miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Aanbestedingskalender *et* vs Il-Kummissjoni (C-687/17 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:932).

62 Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017 (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 50). Jidhirli opportun li jiġi nnotat li fil-punt 46 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet fakkret il-formola tal-punt 123 tas-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Cassa di Risparmio di Firenze *et* (C-222/04, EU:C:2006:8). Madankollu, il-konklużjoni li wasslet għaliha fir-rigward tan-natura tal-attività eżaminata turi, fil-fehma tiegħi, li l-frażi "ladarba din l-offerta tikkompeti ma' dik ta' operaturi oħrajn li jkollhom skop ta' lukru" ma tinftiehemx bħala li tirrikjedi l-presenza konkominanti ta' dawn iż-żewġ elementi.

63 Din il-ġurisprudenza stabbilita taf il-bidu tagħha fis-sentenza tat-23 ta' April 1991, Höfner u Elser (C-41/90, EU:C:1991:161, punt 21).

*c) Fuq l-eżistenza ta' grad ta' kompetizzjoni suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-klassifikazzjoni bħala ekonomika*

108. L-ewwel nett, għandhom jitfakkru fil-qosor il-prinċipji li abbażi tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet l-isfumaturi tal-kunċett ta' "impriża" fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni.

109. Skont ġurisprudenza repetittiva, dan il-kunċett huwa estiż fl-aċċettazzjoni funzjonali tiegħu u jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus ġuridiku ta' din l-entità u l-mod ta' finanzjament tagħha [64]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddefinixxi attività ekonomika bħala kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew ta' servizzi f'suq partikolari [65].

110. Fi kliem ieħor, il-fatt li attività tiġi kklassifikata jew le bħala ekonomika jinkludi konsegwenza maġġuri, peress li l-kwistjoni dwar jekk ir-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat japplikawx għas-sitwazzjoni fattwali eżaminata tiddependi preċiżament fuq ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni. Minn dan isegwi li meta l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi mistiedna twettaq tali evalwazzjoni, hija tidħol neċessarjament, kif wera b'mod ċar l-Avukat Ġenerali Maduro fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża FENIN vs Il-Kummissjoni [66], f'"terren perikoluż" peress li hija mitluba ssib bilanċ bejn il-protezzjoni ta' kompetizzjoni mingħajr tfixkil fis-suq intern u l-osservanza tal-kompetenzi tal-Istati Membri.

111. Huwa għalhekk li l-imsemmija evalwazzjoni ssir partikolarment delikata meta tirrigwarda l-evalwazzjoni tan-natura, ekonomika jew mhux ekonomika, ta' attivitajiet eżerċitati f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, bħal dak inkwistjoni f'dan il-każ, l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali.

112. F'tali qasam, il-bilanċ imsemmi hawn fuq intlaħaq kif ġej. Minn naħa, il-ġurisprudenza kkonfermat b'mod kostanti li l-Istati Membri, huma fil-prinċipju, liberi li jorganizzaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom kif jixtiequ [67], u min-naħa l-oħra, hija tissuġġerixxi li l-Istati Membri għandhom madankollu josservaw rekwiżit ta' koerenza, fis-sens li ma jistgħux jevitaw l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni għal ċerti attivitajiet ħlief bil-kundizzjoni li jimplimentaw *effettivament* l-prinċipju ta' solidarjetà [68].

113. Fil-fatt, l-għan tal-eżami tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa l-prodott tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-funzjonament konkret ta' kull sistema ta' sigurtà soċjali. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja tqajjem il-kwistjoni segwenti: il-kuntest legali nazzjonali kien maħsub b'tali mod li wieħed għandu jikkunsidra li l-entitajiet li joperaw fi ħdan is-sistema kkonċernata joffru oġġetti jew servizzi *f'suq*, jew sabiex inkun iktar speċifiku, f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni? Huwa biss f'każ ta' tweġiba negattiva li l-attività inkwistjoni hija kklassifikata bħala mhux ekonomika, u l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni hija għalhekk eskluża.

114. Meta l-iskemi ta' sigurtà soċjali eżaminati jkollhom natura mħallta, għaliex jinvolvu elementi mhux ekonomiċi u elementi indikattivi tal-presenza f'suq, il-klassifikazzjoni tal-attività eżerċitata fi ħdanhom tiddependi fuq analiżi tal-elementi differenti inkwistjoni, u tal-importanza u l-għan rispettiv tagħhom. Fi kliem ieħor, il-klassifikazzjoni tagħhom hija "kwistjoni ta' grad" [69].

64 Din hija ġurisprudenza li taf il-bidu tagħha fis-sentenza tat-23 ta' April 1991, Höfner u Elser (C-41/90, EU:C:1991:161, punt 21). Ara iktar reċenti, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 103).

65 Ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Spanja *et* (C-128/16 P, EU:C:2018:591, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża FENIN vs Il-Kummissjoni (C-205/03 P, EU:C:2005:666, punt 26).

67 Sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-75/97, EU:C:1999:311, punt 37).

68 Ara f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża FENIN vs Il-Kummissjoni (C-205/03 P, EU:C:2005:666, punt 27). Ara wkoll, il-kunsiderazzjonijiet li għamilt jien fir-rigward tas-sentenza tas-16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150) fil-punti 125 sa 127 u 129 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawżi magħquda AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2003:304, punt 35).

115. Minkejja l-approċċ ta' każ b'każ sostnut mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam, eżami tal-ewwel grupp ta' deċiżjonijiet diskussi fin-noti tal-partijiet, jiġifieri s-sentenzi Poucet u Pistre[70], Cisal[71], AOK Bundesverband *et*[72], Kattner Stahlbau[73] u AG2R Prévoyance[74], jippermetti li jinsiltu serje ta' karatteristiċi li juru li attività ma għandhiex natura ekonomika, jiġifieri (i) l-għan soċjali tas-sistema, (ii) l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà u (iii) il-kontroll tal-Istat.

116. Ma hemmx dubju li l-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja fis-Slovakkja għandha dawn il-karatteristiċi kollha, kif irrikonoxxiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 55 sa 57 tas-sentenza appellata. L-ewwel nett, hija għandha għan soċjali, peress li hija intiża sabiex tiżgura liċ-ċittadini Slovakki kollha kopertura tar-riskji tal-mard, irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u mill-istat ta' saħħa tagħhom. It-tieni nett, hija tinkudi parti kbira mill-elementi li skont il-ġurisprudenza juru l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà, peress li tipprovdi affiljazzjoni obbligatorja, kontribuzzjonijiet obbligatorji li l-ammont tagħhom huwa ffissat proporzjonalment għad-dħul tal-persuni assigurati u irrispettivament mir-riskju li jirriżulta, b'mod partikolari, mill-età jew mill-istat ta' saħħa tal-persuni assigurati, l-istess tip ta' benefiċċji legali obbligatorji għall-persuni assigurati kollha, assenza ta' rabta diretta bejn il-benefiċċji mħallsa u l-ammont ta' kontribuzzjonijiet mħallsa, kif ukoll skema ta' ugwalizzazzjoni tar-riskju[75]. It-tielet nett, din l-iskema tinkludi l-elementi li l-ġurisprudenza tikkunsidra bħala indikattivi tal-presenza ta' kontroll statali, jiġifieri l-fatt li kull korp ta' assigurazzjoni għall-mard huwa kkostitwiet bil-għan li jimplimenta tali assigurazzjoni u ma jistax jeżerċita attivitajiet oħra minbarra dawk previsti mil-liġi, l-impossibbiltà li l-imsemmija korpi jinfluwenzaw l-ammont ta' kontribuzzjonijiet u l-portata tal-benefiċċji legali obbligatorji stabbiliti mil-liġi kif ukoll kontroll tal-osservanza tal-kuntest leġiżlattiv iggarantit mill-awtorità regolatorja (l-Awtorità Slovakka ta' Sorveljanza Sanitarja jew il-"HSA") li tintervjeni f'każ ta' ksur[76].

117. Fir-rigward ta' dan il-grad ta' solidarjetà, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna, fil-kuntest tal-eżami ta' dawn l-aggravji, tieħu pożizzjoni dwar jekk, kif ikkonkludiet il-Qorti Ġenerali fi tmiem l-analiżi magħmula fil-punti 65 sa 68 tas-sentenza appellata, il-marġni li l-leġiżlatur Slovakk ħalla lill-kumpanniji ta' assigurazzjoni sabiex jikkompetu huwiex madankollu suffiċjenti sabiex l-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard fis-Slovakkja tikkostitwixxi attività ekonomika. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti Ġenerali tirreferi għall-elementi segwenti: l-ewwel nett, il-kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-effikaċjatal-proċess tax-xiri, it-tieni nett, il-kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-estensjoni tal-offerta, sa fejn il-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard jistgħu liberament iżidu l-benefiċċji obbligatorji permezz ta' benefiċċji konnessi gratwiti u t-tielet nett, il-fatt li l-persuni assigurati jistgħu jagħżlu l-korp ta' assigurazzjoni għall-mard tagħhom u jibdluh darba fis-sena.

118. Għal dak li jirrigwarda l-kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-effikaċja tal-proċess tax-xiri, li tirriżulta mil-libertà li jinnegozjaw u jikkonkludu kuntratti mal-fornituri tal-kura tas-saħħa, inqis li għandu jingħad mill-ewwel li din ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-natura tal-attività ta' fornitur tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja fis-Slovakkja.

70 Sentenza tas-17 ta' Frar 1993 (C-159/91 u C-160/91, EU:C:1993:63).

71 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2002 (C-218/00, EU:C:2002:36).

72 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004 (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150).

73 Sentenza tal-5 ta' Marzu 2009 (C-350/07, EU:C:2009:127).

74 Sentenza tat-3 ta' Marzu 2011 (C-437/09, EU:C:2011:112).

75 Fir-rigward tal-elementi elenkati sa issa, ara s-sentenzi tas-17 ta' Frar 1993, Poucet u Pistre (C-159/91 u C-160/91, EU:C:1993:63, punti 10, 12, 13 u 18), tat-22 ta' Jannar 2002, Cisal (C-218/00, EU:C:2002:36, punti 39 sa 44), tas-16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150, punti 47 sa 52), tal-5 ta' Marzu 2009, Kattner Stahlbau (C-350/07, EU:C:2009:127, punti 44 sa 59) u tat-3 ta' Marzu 2011, AG2R Prévoyance (C-437/09, EU:C:2011:112, punti 47 sa 52).

76 Sentenzi tas-17 ta' Frar 1993, Poucet u Pistre (C-159/91 u C-160/91, EU:C:1993:63, punti 14 u 18), tat-22 ta' Jannar 2002, Cisal (C-218/00, EU:C:2002:36, punti 43 sa 44), tas-16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150, punti 48 sa 52), tal-5 ta' Marzu 2009, Kattner Stahlbau (C-350/07, EU:C:2009:127, punti 60 sa 65) u tat-3 ta' Marzu 2011, AG2R Prévoyance (C-437/09, EU:C:2011:112, punti 53 sa 65).

119. Fil-fatt, fis-sentenza FENIN vs Il-Kummissjoni[77], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li peress li hija l-attività li tikkonsisti fl-*offerta* ta' oġġetti jew ta' servizzi f'suq partikolari li tikkaratterizza l-kunċett ta' attività ekonomika u mhux l-attività ta' xiri fiha nnifisha, ma hemmx lok li l-attività ta' xiri tal-prodotti jiġi disassoċjata mill-użu tiegħu għall-finijiet ta' evalwazzjoni tan-natura tagħha, li jfissier li n-natura ekonomika jew le tal-użu ulterjuri tal-prodott mixtri tiddetermina neċessarjament in-natura tal-attività ta' xiri. Għalhekk, f'dan il-każ, wieħed ma jistax jikkunsidra l-eżistenza ta' kompetizzjoni fl-akkwist tas-servizzi tal-kura tas-saħħa bħala indikazzjoni tan-natura ekonomika tal-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja, peress li n-natura ta' tali attività ta' xiri tiddependi minn dik ta' din tal-aħħar[78].

120. Fir-rigward tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-estensjoni tal-offerta u l-libertà tal-persuni assigurati li jagħżlu liberament il-fornitur ta' assigurazzjoni għall-mard tagħhom, nosserva l-ewwel nett, li għall-kuntrarju ta' dak li targumenta r-Repubblika Slovakka fl-appell tagħha, il-fatt waħdu li l-iskemi ta' sigurtà soċjali li sal-lum il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala li jistabbilixxu ambjent ekonomiku, bħal dawk inkwistjoni fis-sentenzi Fédération française des sociétés d'assurance *et*[79], Albany[80], Brentjens'[81], Drijvende Bokken[82], Pavlov *et*[83], kienu jinkludu elementi ekonomiċi ferm ikbar minn dawk inkwistjoni f'dan il-każ (affiljazzjoni fakultattiva jew obbligatorja bil-posssibiltà ta' eżenzjoni, skemi bbażati fuq il-prinċipju ta' kapitalizzazzjoni, determinazzjoni tal-ammont tal-kontribuzzjonijiet u tal-portata tal-benefiċċji mħollija lill-entitajiet ikkonċernati), ma huwiex tali li juri li l-elementi inkwistjoni ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi konkluża li hemm in-natura ekonomika tal-attività inkwistjoni f'dan il-każ.

121. Mill-banda l-oħra, dak li jidhirli li jista' jwassal għal tali konklużjoni huwa t-tagħlim li jirriżulta mis-sentenza AOK Bundesverband *et*[84], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet mistqosija dwar in-natura tal-attività eżerċitata mill-fondi Ġermaniżi ta' assigurazzjoni għall-mard.

122. Fil-fehma tiegħi, żewġ karatteristiċi tal-iskema inkwistjoni f'dik il-kawża jirrenduha komparabbli mal-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja. L-ewwel nett, hija tipprovdi grad ta' solidarjetà ekwivalenti għal din tal-aħħar peress li hija kkaratterizzata minn affiljazzjoni fil-prinċipju obbligatorju għall-impjegati kollha, ammont ta' kontribuzzjonijiet li jiddependi prinċipalment fuq id-dħul tal-persuni assigurati[85], benefiċċji identifikati mil-liġi u identiċi għall-persuni assigurati kollha fir-rigward ta' kategoriji ta' kura obbligatorja, assenza ta' rabta bejn il-kontribuzzjonijiet imħallsa u l-benefiċċji rċevuti kif ukoll forma ta' komunità mwettqa permezz ta' mekkaniżmu ta' bbilanċjar tal-ispejjeż u tar-riskji bejn il-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard differenti kkonċernati[86]. It-tieni nett, hija tinkludi l-istess elementi ta' kompetizzjoni bħall-iskema Slovakka, peress li l-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jistgħu jżidu l-benefiċċji obbligatorji previsti mil-liġi permezz ta' benefiċċji kkumplimentati fakultattivi u l-persuni assigurati jistgħu jagħżlu liberament il-fond ta' assigurazzjoni għall-mard tagħhom[87].

123. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet essenzjalment, li fid-dawl tal-aspetti ta' solidarjetà tal-iskema, l-elementi ta' kompetizzjoni ma jippermettux li l-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard tiġi kklassifikata bħala ekonomika. Filwaqt li d-dritt tal-persuni assigurati lanqas ma ttieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, il-fatt li l-fondi ta' assigurazzjoni

77 Sentenza tal-11 ta' Lulju 2006 (C-205/03 P, EU:C:2006:453, punt 26).
78 Ara wkoll, il-punt 93 tad-deċiżjoni kontenzjuża.
79 Sentenza tas-16 ta' Novembru 1995 (C-244/94, EU:C:1995:392).
80 Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999 (C-67/96, EU:C:1999:430).
81 Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999 (C-115/97 sa C-117/97, EU:C:1999:434).
82 Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999 (C-219/97, EU:C:1999:437).
83 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2000 (C-180/98 sa C-184/98, EU:C:2000:428).
84 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004 (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150).
85 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150, punti 6 u 7).
86 Sentenza tas--16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150, punti 52 u 53).
87 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150, punti 8 u 9).

għall-mard setgħu jipprovdu benefiċċji komplimentari fakultattivi ma jwassalx għal tali klassifikazzjoni, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm il-benefiċċji obbligatorji jkunu "essenzjalment identiċi"[88]. Issa, fid-dawl tal-karatteristiċi komuni msemmija fil-punt preċedenti, jien persważ li l-konklużjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza tista' tiġi trasposta għall-kawżi li qiegħed nikkunsidra[89], iktar u iktar peress li l-firxa ta' benefiċċji obbligatorji u identika għall-persuni assigurati kollha offruta mill-kumpanniji ta' assigurazzjoni għall-mard fis-Slovakkja hija estremament wiesgħa[90], peress li l-benefiċċji konnessi gratwiti huma limitati għar-rimbors tal-vaċċini mhux obbligatorji u ta' ħinijiet ta' ftuħ differenti tal-call centres tal-customer care.

124. Jien tal-opinjoni li n-natura mhux ekonomika tal-attività inkwistjoni lanqas ma tista' titqiegħed inkwisjoni mill-fatt li l-leġiżlazzjoni Slovakka tippermetti lill-kumpanniji ta' assigurazzjoni għall-mard jużaw u jiddistribwixxu l-profitti li jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-attività tagħhom.

125. Il-bażi legali tad-dikjarazzjoni tiegħi tinsab mill-ġdid fis-sentenza AOK Bundesverband *et*[91].

126. Fil-fatt, infakkar li minbarra l-elementi komuni mal-iskema inkwistjoni f'dan il-każ, l-iskema Ġermaniża għandha wkoll element supplimentari ta' kompetizzjoni li għandu jkollu piż kunsiderevoli fuq l-analiżi tan-natura tal-attività eżerċitata fi ħdan skema mħallta, bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża, jiġifieri li din l-iskema tippermetti lill-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jikkompetu dwar l-ammont tal-kontribuzzjonijiet billi jistabbilixxu b'mod awtonomu r-rata tagħhom[92].

127. Issa, madankollu, lanqas l-eżistenza ta' marġni ta' kompetizzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet ma tista' tostakola, skont il-punt 56 ta' din is-sentenza, in-natura mhux ekonomika tal-attività, għar-raġuni li dan l-element kien introdott "sabiex iħeġġeġ lill-fondi ta' assigurazzjoni għall-mard jeżerċitaw l-attività tagħhom skond il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, jiġifieri bl-iktar mod effettiv u bl-inqas spejjeż possibbli, fl-interess ta' funzjonament tajjeb tas-sistema tas-sigurtà soċjali Ġermaniża". Fi kliem ieħor, anki l-presenza ta' doża ta' kompetizzjoni mingħajr dubju ogħla minn dik inkwistjoni f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-attività ta' provvista ta' assigurazzjoni għall-mard fil-Ġermanja ma kinitx ta' natura ekonomika, minħabba l-fatt li, billi jħeġġeġ lill-korpi ta' assigurazzjoni joperaw b'mod iktar effikaċi, *il-leġiżlatur nazzjonali ried jiżgura t-twettiq tal-għan soċjali tas-sistema*.

128. Jidhirli li l-istess konstatazzjoni għandha tapplika f'dawn il-kawżi. Fil-fatt, kif tammetti l-Qorti Ġenerali fil-punt 64 tas-sentenza appellata, il-possibbiltà li jużaw u jiddistribwixxu l-profitti "hija limitata b'mod iktar strett milli fis-settur kummerċjali klassiku" għar-raġuni li hija "suġġetta għall-osservanza ta' rekwiżiti intiżi sabiex jiżguraw d-durabbiltà tal-iskema u t-twettiq tal-għanijiet soċjali u ta' solidarjetà tagħha". Dawn ir-rekwiżiti jikkonsistu fl-obbligu li jikkostitwixxu riżerva ta' 20 % tal-kapital imħallas, minflok l-10 % meħtieġ minn kumpanniji oħra, kif ukoll riżerva teknika sabiex tkopri l-kura tas-saħħa ppjanata tal-persuni assigurati li jkunu fuq listi ta' stennija[93]. Issa,

88 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150, punt 52).

89 Għandu jiġi nnotat li waqt is-seduta Dôvera sostniet li dan ma kienx possibbli peress li dawn iż-żewġ kawżi huma differenti fi tliet aspetti: l-ewwel nett, il-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard li joperaw fis-suq Slovakk ma għandhomx skop ta' lukru; it-tieni nett, huma kkostitwiti taħt il-forma ta' kumpanniji kummerċjali; it-tielet nett, huma jistgħu jinnegozjaw direttament u jikkonkludu kuntratti mal-fornituri ta' kura tas-saħħa. Fir-rigward ta' dan l-aħħar element, jien diġà spjegajt ir-raġuni li għaliha ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni fil-punti 118 u 119 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fir-rigward tat-tfittxija ta' skop ta' lukru mill-korpi ta' assigurazzjoni, l-assenza tar-rilevanza ta' dan l-element għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża hija mmotivata fil-punti 92 sa 107 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-fatt li dawn il-korpi huma kkostitwiti fil-forma ta' kumpanniji kummerċjali, infakkar biss mill-ġdid il-ġurisprudenza klassika li tipprovdi li l-istatus legali ta' entità, li t-tfittxija ta' skop ta' lukru tagħha hija biss dipendenti fuq dak ta' ħaddieħor, ma hijiex rilevanti għall-finijiet tal-imsemmija klassifikazzjoni. Ara, fuq dan l-aħħar punt, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, EasyPay u Finance Engineering (C-185/14, EU:C:2015:716, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma kkontestatx il-konstatazzjoni li tinsab fil-punt 87 tad-deċiżjoni kontenzjuża li tipprovdi li l-portata tal-benefiċċji legali obbligatorji kienet, fil-fatt, wiesgħa ħafna peress li tkopri kważi l-kura medika kollha fir-Repubblika Slovakka. F'dan ir-rigward, ninnota li fl-appell tagħha, ir-Repubblika Slovakka ssostni li 98.9 % tas-servizzi mediċi kollha pprovduti huma totalment irrimborsati mill-kumpanniji ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorju, b'tali mod li l-possibbiltà li ssir kompetizzjoni tirrigwarda biss 1.1 % tas-servizzi mediċi li jifdal.

91 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004 (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150).

92 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004, AOK Bundesverband *et* (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150, punt 7).

93 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 15, tad-deċiżjoni kontenzjuża.

il-presenza ta' dawn ir-rekwiżiti tindika b'mod ċar, fil-fehma tiegħi, li l-possibbiltà li jużaw u jiddistribwixxu profitti sservi l-għan li tiġi żgurata l-vijabbiltà u l-kontinwità tas-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja, u b'hekk tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan soċjali ta' din tal-aħħar[94].

129. B'mod iktar ġenerali, fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-okkażjoni, fis-sentenza futura tagħha, li tispjega l-prinċipju li jidhirli li jirriżulta mis-sentenza AOK Bundesverband *et*[95], li attività hija kkunsidrata bħala mhux ekonomika, u għalhekk l-Artikolu 107(1) TFUE ma japplikax għaliha, sakemm l-iskema nazzjonali ta' sigurtà soċjali eżaminata turi li l-leġiżlatur nazzjonali jfittex l-għan soċjali tas-sistema b'mod *koerenti*[96].

130. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, inqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ssopravalutat l-effett tal-grad ta' kompetizzjoni permess mill-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja u għalhekk ikkonkludiet b'mod żbaljat, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, li billi jeżerċitaw attività ta' natura ekonomika, SZP u VšZP jaqgħu taħt il-kunċett ta' "impriża", kif stabbilit fl-Artikolu 107(1) TFUE.

*3. Konklużjoni dwar it-tieni aggravju fil-Kawża C-262/18 P u t-tielet aggravju fil-Kawża C-271/18 P*

131. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-tieni aggravju fil-Kawża C-262/18 P kif ukoll it-tielet aggravju fil-Kawża C-271/18 P.

***D. Fuq it-tielet aggravju mqajjem mill-Kummissjoni fil-Kawża C-262/18 P u t-tieni aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka fil-Kawża C-271/18 P, ibbażati fuq l-iżnaturament ta' ċerti provi***

*1. L-argumenti tal-partijiet*

132. Il-Kummissjoni u r-Repubblika Slovakka, sostnuti mir-Repubblika tal-Finlandja, jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi żnaturamenti tal-atti tal-proċess. B'mod partikolari, il-konstatazzjoni, magħmula fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li teżisti kompetizzjoni "intensa u kumplessa" li tirriżulta mill-possibbiltà li jattiraw lill-persuni assigurati u li tirrigwarda l-kwalità tas-servizzi, hija bbażata fuq tali żnaturament. Fil-fatt, l-elementi ta' kompetizzjoni identifikati mill-Qorti Ġenerali fil-punti 65 u 66 tas-sentenza appellata, jindikaw biss l-eżistenza ta' kompetizzjoni limitata dwar il-kwalità ta' ċerti aspetti marġinali tal-provvista ta' benefiċċji ta' assigurazzjoni għall-mard.

133. Ir-Repubblika Slovakka żżid li l-Qorti Ġenerali wettqet żnaturament tal-provi billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li waħda mill-miżuri suġġett tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet tapplika għal perijodu li fih kien ipprojbit li l-korpi ta' assigurazzjoni jiddistribwixxu profitti. Il-konstatazzjoni, magħmula fil-punt 64 tas-sentenza appellata, li l-korpi ta' assigurazzjoni fis-Slovakkja għandhom il-possibbiltà li jfittxu u jwettqu profitti "b'mod liberu" tikkostitwixxi wkoll żnaturament.

134. Dôvera u Union iqisu li dawn l-aggravji huma inammissibbli, peress li l-Kummissjoni u r-Repubblika Slovakka ma jindikawx il-provi li ġew żnaturati iżda jitolbu biss evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kwalunkwe każ, il-provi ppreżentati lill-Qorti Ġenerali jikkorroboraw il-konklużjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' kompetizzjoni intensa u kumplessa.

94 Ara l-punt 95 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

95 Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004 (C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, EU:C:2004:150).

96 Dan huwa r-rekwiżit ta' koerenza li jien invokajt fil-punt 112 ta' dawn il-konklużjonijiet.

135. Barra minn hekk, l-argument li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li waħda mill-miżuri suġġett tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet tapplika għal perijodu li fih kien ipprojbit li l-korpi ta' assigurazzjoni jiddistribwixxu profitti hija inammissibbli, sa fejn din ġiet invokata għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell, u fi kwalunkwe każ, hija ineffettiva u infondata. Il-konstatazzjoni relattiva għall-possibbiltà li jfittxu u jitwettqu profitti "b'mod liberu" ma hijiex kontradittorja mal-eżistenza ta' leġiżlazzjoni li tirrigwarda t-twettiq ta' profitti.

*2. Evalwazzjoni*

136. Preliminarjament, inqis li huwa utli li jiġu stabbiliti ċerti prinċipji fundamentali li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-iżnaturament tal-provi.

137. Qabel kollox, infakkar li skont ġurisprudenza klassika, in-natura probatorja tal-atti proċedurali taqa' taħt l-evalwazzjoni sovrana tal-fatti mill-Qorti Ġenerali, li ma hijiex suġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, ħlief fil-każ ta' żnaturament [97].

138. Żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma huwa neċessarju li ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti u l-provi [98]. Sabiex tiġi pprovata l-eżistenza ta' żnaturament, ma huwiex suffiċjenti li jiġi propost qari tal-imsemmija provi differenti minn dak sostnut mill-Qorti Ġenerali [99]. Għal dan il-għan, rikorrent għandu jindika b'mod speċifiku l-elementi li ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali u juri l-iżbalji ta' analiżi li fl-evalwazzjoni tagħha wasslu għal tali żnaturament [100].

139. F'dan il-każ, fl-ewwel lok fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-iżnaturament tal-provi relattivi għall-eżistenza temporanja ta' projbizzjoni li l-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard jiddistribwixxu profitti, nosserva, qabel kollox, li għall-kuntrarju ta' dak li ssostni Dôvera fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Slovakka diġà ġibdet l-attenzjoni għal dan il-fatt fil-punt 53 tan-nota ta' intervent tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, b'tali mod li dan ma huwiex argument invokat għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell. Madankollu, jien nirrileva wkoll li, fl-appell tagħha, ir-Repubblika Slovakka tindika biss li l-projbizzjoni ta' distribuzzjoni ta' profitti tirriżulta minn diversi atti proċedurali, iżda ma ssemmi ebda element li dwaru l-Qorti Ġenerali għamlet preżentazzjoni manifestament żbaljata fis-sentenza appellata. Fil-fehma tiegħi, fir-realtà, dan l-ilment huwa intiż sabiex jikkritika l-fatt li l-Qorti Ġenerali ma ħaditux inkunsiderazzjoni billi qieset dan l-element bħala nieqes mir-rilevanza għall-finijiet tal-evalwazzjoni tagħha. Madankollu din tikkostitwixxi evalwazzjoni tal-provi li, fiha nnifisha, ma taqax taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell. Konsegwentement, inqis li dan l-ilment għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

140. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-konstatazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 64 tas-sentenza appellata, li l-korpi ta' assigurazzjoni fis-Slovakkja għandhom il-possibbiltà li jfittxu u jwettqu "b'mod liberu" profitti, tikkostitwixxix żnaturament, nosserva li r-Repubblika Slovakka mkien ma tindika element speċifiku li kien żnaturat mill-Qorti Ġenerali, u tagħmel biss riferiment ġeneriku għall-"atti tal-proċess". Essenzjalment, jidhirli li taħt kopertura ta' allegazzjoni ta' żnaturament, ir-Repubblika Slovakka tikkritika lill-Qorti Ġenerali b'evalwazzjoni żbaljata tal-fatti. Fil-fatt, hija ma tikkontestax li l-Qorti Ġenerali fehmet b'mod korrett ir-restrizzjonijiet imposti mil-liġi

97 Sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Ġermanja *et* vs Kronofrance (C-75/05 P u C-80/05 P, EU:C:2008:482, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

98 Ara s-sentenza tal-4 ta' April 2017, L-Ombudsman vs Staelen (C-337/15 P, EU:C:2017:256, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

99 Ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, QuaMa Quality Management vs L-EUIPO (C-139/17 P, mhux ippubblikata, EU:C:2018:608, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

100 Ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-588/17 P, mhux ippubblikata, EU:C:2018:607, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Slovakka, iżda targumenta li għall-kuntrarju ta' dak ikkunsidrat minn din tal-aħħar, ir-restrizzjonijiet inkwistjoni ma jaffettwawx biss il-possibbiltà li l-korpi ta' assigurazzjoni għal-mard jużaw u jiddistribwixxu profitti, iżda wkoll il-possibbiltà li jagħmlu dawn l-istess profitti. Għahekk, dan l-ilment għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi ddikjarat inammissibbli.

141. Fit-tielet lok, il-Kummissjoni u r-Repubblika Slovakka jallegaw żnaturament tal-provi sa fejn, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li teżisti, fi ħdan is-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard, kompetizzjoni "intensa u kumplessa". F'dan ir-rigward, inqs li essenzjalment, dan l-ilment jirrepeti l-argumenti, magħmula fil-kuntest tat-tieni aggravju mqajjem mill-Kummissjoni u tat-tielet aggravju mqajjem mir-Repubblika Slovakka, li jirrigwarda l-karatterizzazzjoni ta' żball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali, li diġà pproponejt li għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet esposti fil-punti 89 sa 130 ta' dawn il-konklużjonijiet.

142. Sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra dan l-aggravju tal-Kummissjoni u dan l-aħħar ilment tar-Repubblika Slovakka bħala li verament jirrigwardaw żnaturament tal-provi, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li r-Repubblika Slovakka fl-ebda mument ma indikat il-provi li l-Qorti Ġenerali biddlet is-sens tagħhom fis-sentenza appellata. Fir-rigward tal-Kummissjoni, minkejja li huwa minnu li din tiċċita wieħed minn dawn l-elementi, jiġifieri tabella ta' kopertura li turi d-differenzi bejn il-koperturi ta' korpi ta' assigurazzjoni għall-mard differenti, huwa minnu wkoll li hija mkien ma tidentifika l-iżbalji ta' analiżi li wasslu lill-Qorti Ġenerali għal tali żnaturament. L-aggravju tal-Kummissjoni u l-ilment tar-Repubblika Slovakka inkwistjoni, għandhom għalhekk, fil-fehma tiegħi, jiġu ddikjarati inammissibbli.

*3. Konklużjoni dwar it-tielet aggravju tal-appell fil-Kawża C-262/18 P u t-tieni aggravju tal-appell fil-Kawża C-271/18 P*

143. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara t-tielet aggravju fil-Kawża C-262/18 P kif ukoll it-tieni aggravju fil-Kawża C-271/18 P inammissibbli fl-intier tagħhom.

## V. L-appelli inċidentali

### *A. L-argumenti tal-partijiet*

144. Permezz tal-appelli inċidentali tagħha, Dôvera tressaq aggravju wieħed, jiġifieri li l-Qorti Ġenerali wettqet żball proċedurali u kissret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, meta fil-punt 58 tas-sentenza appellata, iddikjarat li Dôvera ma kinitx ikkontestat il-konstatazzjoni li tipprevedi li s-sistema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard tippreżenta "aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji [predominanti]" [101]. Insostenn ta' dan l-aggravju, hija tiġbed l-attenzjoni fuq partijiet tan-noti li hija kienet ippreżentat fl-ewwel istanza li fihom hija tiċħad espressament tali konstatazzjoni.

145. Madankollu, skont Dôvera, dan l-aggravju għandu natura kontinġenti, peress li huwa neċessarju biss fil-każ improbabbli fejn, billi tadotta interpretazzjoni stretta tal-formulazzjoni tal-imsemmi punt tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja tinjora l-iżball ta' traduzzjoni fil-verżjoni fil-lingwa tal-proċedura, jiġifieri l-verżjoni Ingliża, ta' din is-sentenza, li tiddefinixxi l-aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji tal-imsemmija sistema bħala "predominant" (*predominanti*), filwaqt li huma ddefiniti bħala "importanti" fil-verżjoni Franċiża.

146. Union tingħaqad fit-talbiet ta' Dôvera.

101 Din hija t-traduzzjoni Franċiża litterali użata fil-verżjoni Ingliża tas-sentenza appellata. Fil-verżjoni Franċiża l-kelma użata hija "*importants*".

147. Il-Kummissjoni twieġeb li l-appelli inċidentali huma inammissibbli iżda, jekk jiġi preżunt li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidrahom bħala ammissibbli, hija għandha tikkonkludi, abbażi tal-verżjoni Ingliża tas-sentenza appellata, li hemm il-fondatezza tagħhom. Ir-Repubblika Slovakka targumenta li l-verżjoni Ingliża ta' din is-sentenza ma hija vvizzjata b'ebda żball ta' traduzzjoni, u fi kwalunkwe każ, li l-appelli inċidentali huma inammissibbli.

## *B. Evalwazzjoni*

148. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għamilt fil-punti 61 sa 64 ta' dawn il-konklużjonijiet, jien tal-fehma li l-punt 58 tal-verżjoni Ingliża tas-sentenza appellata jinkludi żball ta' traduzzjoni. Peress li fil-fehma tiegħi, dan l-iżball jista' jiġi kkoreġut permezz ta' sempliċi interpretazzjoni tas-sentenza appellata, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex teżamina l-appelli inċidentali.

149. Madankollu, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li hemm lok li tagħmel tali eżami, jidhirli li ma hemmx dubju li dan ser iwassal sabiex tiġi konkluża l-inammissibbiltà tagħhom minħabba nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Dôvera.

150. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-eżistenza ta' interess ġuridiku jippreżumi li appell inċidentali ikun jista', bl-eżitu tiegħu, jagħti vantaġġ lill-parti li tippreżentah [102].

151. Issa, f'dan il-każ, fl-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors ta' Dôvera u annullat id-deċiżjoni kontenzjuża. Huwa għalhekk li ma narax x'vantaġġ tista' tieħu Dôvera mill-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appelli inċidentali tagħha u tannulla l-punt 58 tas-sentenza appellata fil-parti li fiha l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li Dôvera ma kinitx ikkontestat id-dikjarazzjoni li l-iskema Slovakka ta' assigurazzjoni għall-mard obbligatorja kellha aspetti soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji predominanti. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' dawn l-appelli inċidentali, din il-modifika tkun tirrigwarda l-*motivi* tas-sentenza appellata u ma jkollha ebda effett fuq id-*dispożittiv* tagħha, u fi kwalunkwe każ, ebda modifika tad-dispożittiv li fih il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors tagħha, ma tista' tagħti l-inqas vantaġġ għal Dôvera.

## *C. Konklużjonijiet dwar l-appelli inċidentali fil-Kawżi C-262/18 P u C-271/18 P*

152. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tastjeni milli teżamina l-appelli inċidentali ppreżentati minn Dôvera fil-Kawżi C-262/18 P u C-271/18 P.

## **VI. Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali**

153. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell huwa fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, hija tista' tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża jew tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.

154. F'dan il-każ, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja hija f'pożizzjoni li tiddeċiedi l-motivi mressqa minn Dôvera quddiem il-Qorti Ġenerali.

155. Fir-rigward tat-tieni motiv, nipproponi li jiġi miċħud abbażi tal-punti 89 sa 130 ta' dawn il-konklużjonijiet.

102 Ara b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Iride vs Il-Kummissjoni (C-329/09 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:859, punti 48 sa 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

156. Fir-rigward tal-ewwel motiv, kif miġbur fil-qosor fil-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet, nissuġġerixxi wkoll li jiġu miċħud fl-intier tiegħu. Fil-fatt, fir-rigward tal-ewwel ilment ta' dan il-motiv, mill-approċċ funzjonali tal-kunċett ta' "impriża" jirriżulta, kif invokajt fil-punt 109 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-klassifikazzjoni ta' entità bħala tali hija dejjem marbuta ma' attività ben preċiża. Fi kliem ieħor, entità li teżerċita attivitajiet ekonomiċi u attivitajiet mhux ekonomiċi f'daqqa għandha tiġi kkunsidrata bħala impriża fir-rigward ta' dawk tal-ewwel biss. Dan l-ilment għandu, konsegwentement, jiġi miċħud. Fir-rigward tat-tieni motiv, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita mfakkra fil-punti 114 u 115 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-klassifikazzjoni bħala ekonomika tal-attività eżerċitata fi ħdan l-iskemi ta' sigurtà soċjali mħallta tiddependi fuq eżerċizzju ta' bbilanċjar, li jikkonsisti fl-analiżi ta' elementi ekonomiċi u mhux ekonomiċi differenti tal-iskema nazzjonali, kif ukoll tal-importanza tagħhom u l-għan rispettiv tagħhom. Minn dan jirriżulta loġikament li l-argument li kull element ekonomiku huwa suffiċjenti sabiex iwassal għal tali klassifikazzjoni huwa ġuridikament żbaljat. Fil-fehma tiegħi, it-tieni lment għandu jiġi miċħud ukoll.

## VII. Fuq l-ispejjeż

157. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

158. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dan l-istess regolament, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni u r-Repubblika Slovakka għamlu talba f'dan is-sens, Dôvera għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u dan l-appell.

159. Skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom. Ir-Repubblika tal-Finlandja, intervenjenti fil-kawżi, għandha għalhekk tbati l-ispejjeż tagħha sostnuti fil-kuntest ta' dan l-appell.

160. Konformement mal-Artikolu 140(3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li intervenjent, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi preċedenti, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu. Hemm lok li jiġi deċiż li Union għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess sostnuti fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u dan l-appell.

## VIII. Konklużjoni

161. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi kif ġej:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Frar 2018, Dôvera zdravotná poisťovňa vs Il-Kummissjoni (T-216/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:64), hija annullata.

2) Ir-rikors ippreżentat minn Dôvera zdravotná poisťovňa quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi miċħud.

3) L-appelli inċidentali huma miċħuda.

4) Dôvera zdravotná poisťovňa hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tal-Kummissjoni sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u ta' dan l-appell. Barra minn hekk hija kkundannata tbati l-ispejjeż kollha sostnuti mir-Repubblika Slovakka fil-kuntest ta' dan l-appell.

5) Union zdravotná poisťovňa għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u ta' dan l-appell.

6) Ir-Repubblika tal-Finlandja għandha tbati l-ispejjeż tagħha sostnuti fil-kuntest ta' dan l-appell.